Ħarġa nru. 58 - Jannar 2012

B'XEJN ma' l-orizzont

# SPORTIV

Magażin Sportiv ta' kull xahar



Jibqa' kollox l-istess fin-naħa ta' fuq tal-Klassifika
paġna 18



Beda l-istaġun 2012
paġna 48



Jingħata bidu għall-Kampjonati
paġna 44



## ISIRU l-iSportMalta Awards

## - L-Għażliet Sportivi Nazzjonali

» Aktar f'paġna 40

• FUTBOL • ŻWIEMEL • MALTA FOOTBALL ASSOCIATION • KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT • STORJA TAL-FUTBOL MALTI • POOL • SNOOKER • BASKETBALL • RUGBY

TeamSporT
IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' TEAMSPORT

# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- All Types of Plastering - kisi
- Pointing - fuq il-fil
- Painting - żebgħa - Gypsum
- Drain Laying
- Tile Laying
- Building Alterations
- Restoration Works
- All kinds of Decoration Works

*Over 30 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt



## Jannar

Matul dan ix-xahar spikkaw l-SportMalta Awards - L-Għażliet Sportivi Nazzjonali, fejn ġew ippremjati dawk l-atleti u uffiċjali li ddistingwew lilhom infushom matul is-sena li għaddiet.

Bla dubju, fihom spikkaw William Chetcuti (Sportiv tas-Sena) u Diane Borg (Sportiva tas-Sena) filwaqt li Danica Bonello Spiteri (triathlon) rebħet l-unur overall ta' din is-serata liema votazzjoni kien involut ukoll il-pubbliku sportiv Malti.

Anke jekk kien hemm ħames unuri x'jintrebħu ... kull finalist seta' jitqies bħala rebbieħ għax ġarr il-bandiera Maltija u poġġa lil pajjiżna fuq il-pedestal sportiv.

Fil-futbol, matul dan ix-xahar, Valletta reġgħu kienu l-protagonisti ... għall-fatt li baqgħu jżommu posthom fil-quċċata tal-Kampjonat Premier u għar-rimonta mpressjonanti li għamlu kontra Sliema Wanderers, fl-FA Trophy, biex ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 5-2.

Il-logħba tal-basketball qed toffri spettaklu ... l-inklużjoni tal-plejers barranin qed tgħin biex jogħla livell tal-logħba domestika

... dan kollu u sport ieħor issibuh fil-magażin SPORTIV ...

Jesmond Moore - Editur




# Irbaħ ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**Min rebaħ l-unur overall tal-iSportMalta Awards - L-Għażliet Sportivi Nazzjonali?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Frar, 2012:

**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**

Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 57 hija:*

**William Chetcuti**

*u r-rebbieħa huma (1) Josef Calleja - Marsa (2) Carmen Pisani - Gzira (3) Gejtu Dimech - Hamrun*




2




1




3

# Mill-2008 aktar minn 390,000 vettura għamlet użu miċ-Ċentri għall-Iskart Goff.

Iċ-Ċentri għall-Iskart Goff (Civic Amenity Sites), li huma faċilitajiet ikkreati minn WasteServ Malta Ltd. għas-separazzjoni ta' skart domestiku goff, għadhom kif laħqu mira importanti. Sa l-aħħar ta' Diċembru 2010, aktar minn 390,000 vettura kienet għamlet użu minn dawn iċ-Ċentri, b'madwar 58,500 tunnellata ta' skart separat miġbur.




**"Nirringrazzjawk talli qed tipproteġi l-ambjent."**

Dawn iċ-Ċentri għal skart goff huma faċilitajiet ikkontrollati fejn membri tal-pubbliku jistgħu iġibu u jarmu l-iskart domestiku tagħhom b'mod separat. Il-pubbliku jista' jidħol bil-vettura u jarmi materjal differenti li jikludi skart elettroniku, għamara, skart tal-ġnien, kartun, mediċni skaduti, żjut u ħafna tipi ta' skart ieħor.

Dawn iċ-Ċentri jinsabu l-Imrieħel, Ħal Far, il-Magħtab u tal-Kus fix-Xewkija Għawdex u jkunu miftuħa bejn is-7.30 a.m. u 5.30 p.m. kuljum inklużi l-weekends u l-festi.

WasteServ Malta Ltd

**Aktar informazzjoni fuq www.wasteservmalta.com jew FREEPHONE 8007 2200**

REPUBBLIKA TA' MALTA

PROGRAMM TA' FONDI STRUTTURALI GĦAL MALTA 2004-2006
PROĠETT KO-FINANZJAT MILL-UNJONI EWROPEA
FOND EWROPEW GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI
RATA TA' KO-FINANZJAMENT: 73%







# SPORTIV

Ħarġa nru 58
**SPORTIV**
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Union Print**
Union Print Co. Ltd
Marsa Tel: 25900265

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Reklamar**
Alfred Caruana (Manager)
acaruana@unionprint.com.mt

Claudia Mifsud
sportivmalta@yahoo.com

**Ritratti**
Stephen Gatt

*Cover - Etienne Bonello jirċievi l-Overall Award mingħand il-mistieden speċjali, Antonio Cabrini, f'isem oħtu Danica Bonello Spiteri*

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta

# Werrej

4 **MFA**
Ħidma kontinwa

14 **FA Trophy**
Rimonta mpresjonanti minn Valletta

18 **Premier**
Jibqa' kollox l-istess fin-naħa ta' fuq tal-Klassifika

22 **I Diviżjoni**
Pietà H. u Rabat A. jaqsmu l-ewwel post

23 **II Diviżjoni**
Gzira U. isaħħu l-ewwel pożizzjoni

23 **III Diviżjoni**
Pembroke A. l-uniku tim bla telfa

24 **Rugby**
Sejħa liż-żgħażagħ biex jibdew jilagħbu l-logħba tar-Rugby

26 **Intervista - Joseph Muscat**
Ninsabu qrib ftehim biex jinbena court tal-basketball ieħor

28 **KMS**
Rendikont tas-sena sportiva 2011

39 **Rugby PC**
L-MRFU se tinvesti f'kowċis Britanniċi

40 **SportMalta Awards**
L-Għażliet Sportivi Nazzjonali 2011

44 **Basketball**
Jingħata bidu għall-Kampjonati tal-Ewwel Diviżjoni tal-Irġiel u tan-Nisa

46 **Gozo Sports**
Is-Selezzjoni tal-GFA tirbaħ il-Christmas Cup

48 **Tiġrijiet taż-Żwiemel**
Beda l-istaġun 2012

50 **Snooker**
Baranowski jegħleb lil McLaren

52 **L-Istorja tal-Futbol Malti**
Pullu Demanuele mistieden minn Fulham, Arsenal u Norwich Cith

55 **Cryotherapy in Sport**
Jikteb Dr. Kirill Micallef Stafrace

56 **Spot the Ball u Tisliba**
Irbaħ ma' SPORTIV

**Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-ġurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.**

## Irbaħ flokk tat-tim nazzjonali tar-Rugby



Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv.
Ibgħat it-tweġiba tiegħek sa mhux aktar tard mill-11 ta' Frar, 2012, fl-email - admin@mrfu.org
Il-mistoqsija hija – *F'liema pożizzjoni jinsab it-tim nazzjonali Malti tar-Rugby fir-rankings mondjali?*

## Messaġġ mill-President tal-MFA għas-sena l-ġdida

# Mexjin fid-direzzjoni t-tajba

Fl-okkażjoni tal-għeluq tas-sena 2011 u l-bidu tas-sena 2012, il-President tal-MFA Norman Darmanin Demajo, wassal messaġġ lill-pubbliku sportiv Malti u Għawdxi, fejn esprima s-sodisfazzjon tiegħu li l-futbol miexi fid-direzzjoni t-tajba.

Il-President tenna li l-ħsibijiet tiegħu jmorru fl-esperjenzi u l-memorji sbieħ li se jkomplu jmexxuna fis-sena l-ġdida, b'tama li l-pjani maħsuba għas-sena 2012, ikomplu jsaħħu x-xogħol li qiegħed isir. Is-Sur Darmanin Demajo qal li minn mindu kien fdat bit-tmexxija tal-MFA, dejjem stqarr li l-akbar sfida kienet il-ħtieġa li tinbidel il-mentalità fit-tmexxija, kemm fil-livell ta' klabbs u kif ukoll fl-Assoċjazzjoni. Dan sabiex b'mod gradwali, l-amministrazzjonijiet jinqatgħu mill-prijoritajiet tradizzjonali li kienu jwasslu biss għal suċċess temporanju, biex minflok jippjanaw fuq strateġija fit-tul.

Il-President tenna li bl-għajnuna tal-MFA se jkompli jitwettaq il-programm ambizzjuż ta' investiment fl-infrastruttura, li jinkludi l-faċilitajiet sportivi tal-klabbs u esprima s-sodisfazzjon tiegħu għat-tibdil sostanzjli fl-istil tat-tmexxija tal-istess klabbs. Huwa ħeġġeġ biex ix-xogħol ikun iffokat fuq il-*marketing* tal-faċilitajiet u l-prodott li kull klabb għandu x'joffri u kif ukoll fuq it-tkabbir tal-parteċipazzjoni fil-livell taż-żgħażagħ. Il-President tal-MFA qal li dawn il-kriterji biss jistgħu jwasslu għas-suċċess fil-logħba tal-futbol.

Fil-messaġġ lill-klabbs u lill-isportivi f'pajjiżna, il-president Darmanin Demajo saħaq li r-rivoluzzjoni fil-futbol lokali kull ma tmur qed taċċellera u tieħu l-forma tagħha. Hu rringrazzja lil dawk kollha li huma nvoluti f'dan ir-riformar drastiku li qiegħed iseħħ.

Għas-sena l-ġdida, l-MFA se tkompli fejn ħalliet fis-sena li għadha kif intemmet u tinsab ippreparata biex tiffaċċja sfidi ġodda speċjalment fir-rigward tal-*Financial Fair Play* u fil-ġlieda kontra l-fenomenu tal-korruzzjoni.

Fi tmiem il-messaġġ tiegħu, il-president tal-MFA tenna li se jkompli bil-ħidma biex ikompli l-iżvilupp fiċ-Ċentru Tekniku f'Ta' Qali sabiex dan il-post jibqa' jservi bħala ċentru ta' eċċellenza u ta' edukazzjoni professjonali.


Il-President tal-MFA, is-Sur Norman Darmanin Demajo

Is-Sur Darmanin Demajo rringrazzja lil kulħadd għall-appoġġ kontinwu matul l-ewwel xhur fil-kariga tiegħu u awgura li s-sena 2012 tkun waħda mill-aqwa għall-isport Malti.



## Unur għall-MFA waqt SportMalta Awards 2011

Waqt it-tielet edizzjoni ta' SportMalta Awards li saret is-Sibt 21 ta' Jannar fl-MFCC f'Ta' Qali, il-Malta Football Association rebħet unur importanti li jixhed l-impenn u l-investiment li l-Assoċjazzjoni Maltija tal-futbol qiegħda tagħmel fis-settur tat-turiżmu sportiv.

Il-Malta Football Association rċeviet rikonixximent speċjali wara li rnexxielha tattira l-akbar ammont ta' Turiżmu Sportiv fost l-assoċjazzjonijiet nazzjonali f'pajjiżna.

Il-Kap Eżekuttiv tal-MFA, is-Sur Björn Vassallo, rċieva dan il-premju waqt is-serata tal-unuri.

F'din l-edizzjoni b'kollox ingħataw 20 unur, fosthom rikonoxximent lil Fr. Hilary Talgiaferro, tal-impenn tiegħu favur l-isport tul il-karriera eċċezzjonali tiegħu.



ritratti minn D. Aquilina
Il-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo flimkien mal-President tar-Repubblika, l-Eċċelenza Tiegħu Dr. George Abela, jagħti rikonoxximent lil ekx-Plajer internazzjonali David Carabott

# Aktar minn €20,000 miġbura minn Gowl għall-Istrina



L-attività, Gowl għall-Istrina 2011, irnexxielha tiġbor is-somma rekord ta' €20,370, liema ċifra kienet ippreżentata lill-President tar-Repubblika ta' Malta, l-Eċċellenza Tiegħu Dr. George Abela, waqt l-Istrina li saret nhar, is-26 ta' Diċembru, li għadda. L-edizzjoni tal-2011 ta' Gowl għall-Istrina saret fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali, u kienet organizzata b'kollaborazzjoni bejn l-MFA, Net TV, One TV u The Youth FA.

Din kienet it-tielet edizzjoni ta' dan l-avveniment, fejn George Micallef, *Executive Producer* tal-programm sportiv *Replay* fuq Net TV, kien il-moħħ wara dan l-avveniment. L-ewwel edizzjoni kienet saret, fl-2009.

B'kollox kienu 24 klabb mill-Kampjonat BOV Premier u mill-Kampjonat BOV tal-Ewwel Diviżjoni li kkontribwew €500 u €250 rispettivament mid-dħul tal-*gate-money* tagħhom biex inġabret is-somma totali ta' €9,000.

Aktar minn hekk, plejers u kowċis mill-klabbs kollha kienu mħeġġa li jagħmlu donazzjonijiet. Captains tat-timijiet ippreżentaw id-donazzjonijiet tagħhom lill-President tar-Repubblika qabel ma beda it-tournament triangulari bis-sehem ta' selezzjoni ta' plejers Maltin mill-Kampjonat Premier, selezzjoni ta' plejers mill-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni u selezzjoni ta' plejers barranin mill-Kampjonat Premier.

Il-programm, li kien ukoll ifakkar it-30 Sena Anniversarju mill-ewwel logħba uffiċjali li ntlagħbet fl-Istadium Nazzjonali, f'Ta' Qali, kien jikkonsisti f'diversi attivitajiet fosthom iż-żjara tal-President Dr. Abela li mal-wasla tiegħu f'Ta' Qali, għamel diskors qasir li fih rringrazzja lill-organizzaturi għal mod kif irnexxielhom iġibu flimkien l-isport u s-solidarjetà b'għan ta' benefiċċjenza. Għal din l-okkażjoni 30 personalità tal-futbol, li għexu l-emozzjonijiet sportivi tagħhom f'Ta' Qali, kienu onorati mill-MFA għas-servizz li taw lill-futbol Malti tul il-karriera tagħhom. Ħames personalitajiet oħra kienu ppreżentati b'tifkiriet kommemorattivi bħala rikonoxximent speċjali.

Intant Clinton Buhagiar mill-programm *L-Argument* u Christian Micallef mill-programm *Replay* taw bidu għat-tournament triangulari li ntrebaħ mis-selezzjoni ta' plejers barranin.

Minbarra din l-attività, il-Malta Football Association, kienet involuta f'attivitajiet oħra bl-iskop li jinġabru aktar fondi għall-Istrina, fosthom tournament bejn impjegati tal-MFA, membri tal-MFCA u l-MFRA u tim f'isem l-GĦĠS. Fuq inizjattiva ta' kowċis mill-futbol tan-nisa, intlagħab ukoll tournament bejn tliet timijiet tan-nisa, fejn inġabru aktar donazzjonijiet b'risq din il-kawża ġusta.

Il-Malta Football Association tirringrazzja lill-familja kbira tal-futbol tal-ġenerożità murija minn kulħadd.



ritratt minn D. Aquilina
Id-Direttur Tekniku tal-MFA, is-Sur Robert Gatt, jindirizza lil dawk preżenti

# Iċ-Ċentru Tekniku jniedi *software* ġdid għall-kowċis

Il-Malta Football Association hija mpenjata lejn it-titjib tal-logħba tal-futbol minn kull angolu u għaldaqstant qiegħda tidħol għal sfidi ġodda li għandhom iwasslu biex ikabbru l-għarfien tal-kowċis li jaħdmu fis-settur tal-futbol.

L-aħħar inizjattiva taċ-Ċentru Tekniku hija mmirata biex tgħin lill-kowċis jiġbru u janalizzaw informazzjoni dwar il-plejers fl-iskwadra tagħhom, fejn jinvolvi s-sessjonijiet tat-taħriġ, il-logħbiet u t-testijiet li dawn tal-aħħar jagħmlu matul l istaġun. Permezz ta' *software* żviluppat apposta, il-kowċis jistgħu jibnu statistika dwar il-prestazzjonijiet tekniċi u l-aspett fiżiku tal-atleti, dwar il-passat tagħhom, il-karatteristiċi, l-imġieba u dwar il-parti medika.

Dan il-mezz għandu jkun utli fil-proċess li kull plejer jgħaddi minnu u jgħin lill-kowċis janalizzaw lill-plejers tagħhom b'għodda aktar professjonali. Il-kowċ se jkun f'pożizzjoni li jibni relazzjoni aħjar mal-plejers tiegħu u jkun jista' jantiċipa diversi sitwazzjonijiet individwali fl-aspetti msemmija aktar qabel.

Dan il-programm kien imniedi mill-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo u d-Direttur Tekniku Robert Gatt, waqt konferenza tal-aħbarijiet li saret fiċ-Ċentru Tekniku tal-MFA. "L-iskop ta' dan l-investiment kien dak li nsaħħu r-riżorsi taċ-Ċentru Tekniku biex il-post ikun jista' jipprovdi ambjent professjonali minn fejn jikber l-għarfien dwar il-metedoloġiji tal-logħba tal-futbol permezz tal-użu ta' metodi moderni," tenna l-President tal-MFA waqt il-preżentazzjoni tas-*software*. Robert Gatt, il-persuna li jmexxi dan iċ-Ċentru, irringrazzja lill-uffiċjali tal-MFA għall-appoġġ li qiegħed jingħata, speċjalment mill-President innifsu u l-Kap Eżekuttiv, Björn Vassallo.

Dwar il-programm, is-Sur Gatt qal li filwaqt li l-informazzjoni miġbura mill-kowċis tal-passat ma kinetx disponibbli għall-kowċis oħra, permezz ta' dan il-programm, kull kowċ se jkollu aċċess għall-informazzjoni kollha. Huwa tkellem dwar il-problemi li sab ma' wiċċu meta beda jmexxi ċ-Ċentru Tekniku ftit tax-xhur ilu, fejn ma kienx jinżam rekord dwar il-plejers fis-selezzjonijiet tat-timijiet nazzjonali. Fl-ewwel xhur is-*software* se jkun użat mill-kowċis kollha fi ħdan l-MFA, iżda l-ħsieb hu, li fil-futur dan se jkun disponibbli għall-klabbs u n-nurseries lokali. Permezz ta' dan is-*software*, il-klabbs se jkunu f'pożizzjoni li jagħmlu analiżi tal-logħbiet u scouting tal-plejers.

B'hekk l-MFA għamlet pass ieħor 'il quddiem biex l-immaniġġar fl-amministrazzjoni jkompli jevolvi u qiegħda tiggarantixxi metodi aħjar u effiċjenti kemm fl-aspett tekniku u kif ukoll f'dak amministrattiv.


Uffiċjali u kowċis tal-MFA, flimkien ma' ġurnalisti sportivi waqt il-preżentazzjoni tas-*Software*.

# Il-kowċ ta' Torino F.C. f'laqgħa mal-kowċis tal-MFA u dawk mill-Kampjonat BOV Premier

Giampiero Ventura, kowċ tat-tim Taljan ta' Torino FC, li dan l-aħħar kien f'Malta jmexxi t-*training-camp* li t-tim tiegħu għamel fostna, kien mistieden biex jiltaqa' u joffri l-ħin tiegħu lill-kowċis tal-MFA u lil dawk li jaħdmu fil-Kampjonat BOV Premier.



Il-Kowċ Giampiero Ventura waqt sessjoni ta' taħriġ f'Ta Qali.

Fil-laqgħa, li saret fiċ-Ċentru Tekniku tal-MFA, is-Sur Ventura ħa l-opportunità li jaqsam l-għarfien tekniku tiegħu mal-kowċis lokali u orjenta d-diskussjoni lejn tattiċi aktar moderni fejn l-istrateġija tat-tim tkun ibbażata fuq pjan ta' attakk.

Il-kowċ Taljan għandu esperjenza kbira bħala plejer fil-futbol Taljan. Huwa lagħab ma' Sampdoria għal żmien twil, iżda kien sfortunat li fis-snin sebgħin kellu jirtira qabel il-waqt wara li weġġa' dahru serjament. Immedjatment wara, Ventura beda l-karriera ta' kowċ u, fl-1979, ikkowċja liż-żgħażagħ ta' Sampdoria. Wara, ikkowċja wkoll l-ewwel timijiet ta' Venezia, Lecce, Cagliari, Udinese, Napoli, Verona u Bari. Dan kollu għamlu fuq medda ta' 19-il sena. Fil-preżent huwa l-kowċ ta' Torino, bl-isfida li jwassal lil dan it-tim glorjuż jirbaħ lura l-promozzjoni għas-Serie A, fl-Italja.

Fil-laqgħa li kellu mal-kowċis, huwa tkellem bir-reqqa dwar il-logħba b'formazzjoni ta' 4-2-4, tattika ferm offensiva, iżda li dejjem tagħtu riżultati sodisfaċenti. Il-kowċ Taljan saħaq li għal kull tattika jrid ikollok plejers li kapaċi jilagħbu skond kif mitlub minnhom mit-tip ta' tattika u li kull kowċ irid ikun kapaċi janalizza t-tattika tal-avversarji biex finalment jirnexxielu jinfidhom fid-difiża u jikkontrolla l-attakki tagħhom.

Din l-attività rriżultat ferm utli għall-kowċis lokali u, bla dubju, dak li qasmu mal-kowċ Gampiero Ventura għandu jkun punt ta' riferiment fix-xogħol tagħhom fil-futur.

# Il-kowċis tal-Goalkeepers ikomplu bil-*Professional Coaching Education*

Iċ-Ċentru Tekniku tal-Malta Football Association matul dan ix-xahar, proprju bejn il-Ħamis, 26 u l-Ħadd 29 ta' Jannar, organizza kors lill-kowċis lokali li jħarrġu lill-goalkeepers. Dan l-avveniment sar bil-kollaborazzjoni tal-FIFA u huwa t-tieni wieħed li se jkun qiegħed jiġi organizzat f'perijodu ta' sena.

L-applikazzjonijiet kollha mitfugħa kienu pproċessati u saret is-selezzjoni, bil-preferenza tingħata lill-kowċis li diġà għandhom kwalifiki fil-liċenzja CYF, jew li fil-passat diġà attendew għal xi *Goalkeepers Course* ieħor.

Fl-impenn biex il-kowċis Maltin ikomplu jitħarrġu u jiġu edukati fil-linja tax-xogħol tagħhom, l-MFA qiegħda toffri dawn l-opportunitajiet bil-għan li l-klabbs ikollhom aktar kowċis ippreparati u professjonalment speċjalizzati.

Dan jagħmel it-taħriġ tal-iskwadra tal-futbol aktar professjonali, bil-plejers igawdu direttament, bl-ambizzjoni li l-livell tal-futbol ikompli jikber.



ritratti minn D. Aquilina
Hibernians vs Catania

# Catania Calcio jirbħu t-Trofeo Portomasolive.com

It-tim tas-Serie A Catania Calcio, li kien wieħed miż-żewġ timijiet Taljani li fi żmien il-festi tal-Milied ġew għal *training-camp* f'Malta, rebħu t-tournament kwadrangulari Trofeo Portomasolive.com. Dan l-avveniment ġie organizzat mill-Malta Football Association bil-kollaborazzjoni ta' Portomasolive.com, bil-għan biex it-turiżmu sportiv lejn Malta jkompli jissaħħaħ u kif ukoll biex il-partitarji Maltin ikunu jistgħu jsegwu plejers importanti minn kampjonati ta' livell fl-Ewropa.

Flimkien ma' Catania Calcio u Torino FC mill-Italja, ħadu sehem it-timijiet Maltin mill-Kampjonat BOV Premier ta' Hibernians FC u Qormi FC. It-tournament intlagħab fl-Istadium Nazzjonali f'Ta' Qali, nhar id-29 ta' Diċembru, u kull konfront kien ta' 45 minuta.

Fl-ewwel semi-finali, Torino FC għelbu lil Qormi FC bl-iskor ta' 3-1, b'goals ta' Mirco Antenucci (2) u Simone Verdi. Il-goal ta' Qormi ġie skorjat minn Abubakar Bello-Osagie minn penalty.

Fis-semi-finali l-oħra, Catania Calcio għelbu lil Hibernians FC bl-iskor ta' 2-0, b'goals ta' Alejandro Gomez u Alfredi Donnarumma skorjati f'temp ta' żewġ minuti, bejn it-32 u l-34 minuta.

Fil-logħba għat-tielet u r-raba' post Hibernians FC rebħu kontra Qormi FC bl-iskor ta' 2-0, b'goals ta' Bjorn Kristensen u Clayton Failla.

B'hekk il-logħba finali kienet bejn Catania Calcio u Torino FC, fejn l-iSqallin ħarġu rebbieħa bl-iskor ta' 2-0, b'goals skorjati minn Maxi Lopez u Mariano Izco.

Waqt din iż-żjara, iż-żewġ timijiet Taljani ħadu din l-opportunità biex tħarrġu għal diversi jiem fiċ-Ċentru Tekniku, f'Ta' Qali, taħt it-tmexxija taż-żewġ kowċis rispettivi, Vincenzo Montella u Gampiero Ventura.



Qormi vs Torino

# Mtarfa FC

## jżommu t-Tazza Roger Strickland

**Mtarfa FC żammew it-Tazza Roger Strickland għat-tieni sena konsekuttiva meta f'kompetizzjoni miftuħa għal timijiet tat-Tielet Diviżjoni għelbu lil Marsaskala wara l-għoti tal-penalties. Il-logħba finali ntlagħbet fil-Victor Tedesco Stadium u sal-ħin regolamentari spiċċat bl-iskor ta' 1-1.**

Il-konfront kien wieħed bilanċjat, bir-rebħa setgħet marret kull naħa, iżda finalment kienu l-penalties li wasslu lil Mtarfa għar-rebħa ta' 7-6 fuq l-avversarji. Biex iż-żewġ timijiet waslu sal-finali, fis-semi-finali Mtarfa għelbu lil Swieqi United bl-iskor ta' 4-0 u Marsaskala rebħu kontra Qrendi bl-iskor minimu ta' 1-0.

Fil-logħba għat-tielet u r-raba' post, Swieqi United rebħu lil Qrendi bl-iskor ta' 3-1, biex għalqu l-impenji tagħhom fl-edizzjoni tas-sena 2011.

Dan l-avveniment sar bil-kolaborazzjoni tal-MFA u fl-aħħar tal-finali, il-Viċi President tal-MFA, is-Sur Ludovico Micallef, ippreżenta t-trofew lir-rebbieħa.




Many great ideas start on paper. With a BOV High Value Motor Loan, your projects and aspirations come to life.

Talk to us now for a loan that is truly personal.

*Your success is our goal.*

**BOV HIGH VALUE MOTOR LOAN**
**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c.
58, Zachary Street
Valletta VLT 1130 - Malta

BOV 29123

Personal Loans are subject to normal Bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Terms and conditions apply.

Bank of Valletta



ritratt minn D. Aquilina
Tfajliet waqt sessjoni ta' taħriġ fiċ-Ċentru Tekniku f'Ta' Qali

# Il-futbol tan-Nisa jkompli jevolvi

F'dawn l-aħħar snin il-pubbliku sportiv Malti, b'mod speċjali dawk li jsegwu l-futbol, qed jaraw bidliet għall-aħjar fl-oqsma kollha tal-logħba, bidliet li huma xhieda ta' progress fuq il-linji gwida li l-UEFA u l-FIFA jixtiequ jaraw lill-assoċjazzjonijiet nazzjonali jimxu fuqhom. Ftit tal-ġimgħat ilu, il-UEFA aċċettat proposta tal-MFA biex l-assoċjazzjoni Maltija tingħata fondi ġodda li għandhom jintużaw fil-futbol tan-nisa, bl-għan li ssir kampanja edukattiva biex aktar tfajliet jibdew jilagħbu l-futbol.

L-Assoċjazzjoni Maltija tal-futbol, l-MFA, hija wkoll impenjata bis-sħiħ f'dan ir-rigward. Dan jista' jingħad ukoll għall-futbol tan-nisa fejn nistgħu ngħidu li kien hemm qabża kbira fil-parteċipazzjoni u fil-kwalità li tat riżultati mportanti. Fil-fatt l-interess f'din il-logħba qed jiżdied b'ritmu mgħaġġel fost numru ta' tfajliet u studenti fl-iskejjel u l-kulleġġi madwar Malta u Għawdex.

Dan kollu huwa rifless fin-numru akbar ta' timijiet li jifformaw il-kampjonati nazzjonali tan-nisa u tat-tfajliet. Il progress li sar fil-Kampjonat Femminili Ta' Taħt is-16-il sena kien wieħed notevoli.
Il-kampjonat ewlieni qiegħed jintlagħab kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta' Erbgħa b'numru ta' logħbiet fuq bażi ta' *home* u *away*.

Fir-rigward tas-selezzjonijiet nazzjonali, l-MFA, issa mhux biss għandha s-selezzjoni tat-tim nazzjonali tal-kbar, iżda wkoll tat-timijiet ta' Taħt is-17, il-15 u t-13 il-sena, flimkien ma' skola ta' taħriġ għall-goalkeepers.

It-timjiet tan-nisa huma mmexxija mill-kowċis Pierre Brincat u Mark Gatt, fejn taħt il-gwida tad-Direttur Tekniku, qiegħdin jaħdmu bla heda biex jilħqu l-miri ppjanati mill-Assoċjazzjoni. L-MFA, flimkien mal-iSport Promotion Unit tal-KMS, qegħdin jaħdmu id f'id biex l-interess fost l-istudenti tal-iskejjel ikompli jikber u kull sena qegħdin ikunu organizzati numru ta' *festivals* biex it-tfajliet jersqu viċin il-logħba tal-futbol. Dawn il-*festivals*, qed ikollhom impatt kbir u pożittiv, u permezz tagħhom qiegħed isir monitoraġġ aħjar tat-talent fost iż-żgħażagħ.
Il-futbol tan-nisa qed ikompli fit-triq tal-progress grazzi għall-ħidma siewja ta' kull min hu nvolut f'dan il-qasam, speċjalment tal-amministraturi fi ħdan il-klabbs tan-nisa, li din is-sena fformaw il-*Women's League Standing Committee* biex jindirizzaw aħjar l-isfidi li dan is-settur joffri.

Żgur li dan il-moviment qawwi lejn kwalità aħjar fil-logħba tan-nisa, permezz ukoll tal-appoġġ tal-MFA, qiegħed jgħin biex il-futbol f'dan is-settur f'Malta u f'Għawdex ikompli jimraħ.




L-Uffiċjali tal-MFA flimkien mal-parteċipanti fl-ewwel sessjoni tal-akkademja

# L-MFA twaqqaf Akkademja tar-*Referees*

L-MFA matul ix-xahar ta' Diċembru ħabbret li kienet se twaqqaf Akkademja tar-Referees bl-għan li żgħażagħ Maltin u Għawdxin jersqu lejn din il-karriera minn età żgħira u jkollhom iċ-ċans jitgħallmu l-ħiliet bażiċi f'din id-dixxiplina biex il-futur tal-uffiċjali tal-logħba jkun wieħed garantit. Intant fl-ewwel tmiem il-ġimgħa ta' Jannar 2012, f'lukanda f'tas-Sliema, kienet organizzata r-*Referee Academy Weekend* għal tfal bejn l-14-il u s-17-il sena. Total ta' 30 parteċipant minn disa' skejjel tas-subien u tliet skejjel tal-bniet attendew għal din l-attività. Fost it-30 parteċipant kien hemm sitt bniet, b'total ta' 26 parteċipant minn Malta u erba' parteċipanti minn Għawdex.

L-iskejjel li qed jieħdu sehem f'dan il-proġett ambizzjuż huma l-Kulleġġ San Ġorg Preca, il-Kulleġġ San Tumas Moore, il-Kulleġġ ta' Għawdex, l-Iskola San Mikiel, l-Iskola San Elias, il-Kulleġġ tal-Missjunarji ta' San Pawl, il-Kulleġġ Stella Maris, il-Kulleġġ San Martin, is-Seminarju tal-Arċisqof, il-Fondazzjoni tal-Kunvent tal-Qalb ta' Ġesu, l-Iskola tal-Immakulata Kunċizzjoni u l-Iskola ta' Saint Dorothy.

Il-programm inkluda diversi suġġetti ta' diskussjoni skond il-kurrikulum stabbilit, bil-laqgħat tmexxew minn *Instructors* kwalifikati u minn *referees* lokali, filwaqt li kienu murija diversi filmati li dwarhom saru diskussjonijiet speċjalizzati f'din il-linja. L-istudenti attendew ukoll għal-logħba mill-Kampjonat BOV Premier bejn Hibernians FC u Valletta FC u kif ukoll għal-logħba mill-kampjonat nazzjonali tal-Futsal. Wara dawn, b'mod individwali ppreżentaw l-analiżi taż-żewġ logħbiet li segwew.

Il-President tal-MFA, is-Sur Norman Darmanin Demajo, għamel diskors tal-għeluq f'din l-ewwel l-attività tax-xorta tagħha għal referees prospettivi u qal li l-MFA qiegħda tinvesti bis-sħiħ fl-uffiċjali tal-logħba mhux biss fl-ogħla livell, iżda wkoll fil-bażi, proprju minn fejn iridu jimmaturaw l-uffiċjali tal-futur. Il-President tal-MFA awgura kull suċċess lill-istudenti preżenti u saħaq li permezz tad-dixxiplina personali u s-sagrifiċċju, huma wkoll setgħu jaspiraw li jaslu għat-tragwardi tagħhom. Finalment huwa rringrazzja lis-Sur Alex Arena, l-uffiċjal responsabbli minn din l-inizjattiva, lis-sur Adrian Casha tax-xogħol siewi li qiegħed jagħmel u kif ukoll lis-sinjuri Charles Agius u Lawrence Sammut tal-appoġġ li qegħdin jagħtu fl-isfera tar-*refereeing* f'pajjiżna.


St. Valentine's
Tà Qali Swimming Pool
SPECIAL OFFER



1 Week for 2 @ €35
1 Month for 2 @ €80
3 Months for 2 @ €170
*(Offer valid from 1st February till 18th February)*
Terms and conditions apply




ritratti minn D. Aquilina

Ritratt tal-okkażjoni meħud wara ċ-ċerimonja

# Rekord ta' 16-il uffiċjal

## ipprezentati bil-*badge* tal-FIFA

**F'ċerimonja qasira imma sinifikanti, li saret fil-Lukanda Le Meridien Hotel & Spa, f'San Ġiljan, 16-il uffiċjal mid-dixxiplini tal-futbol, il-futsal u l-beach soccer, kienu ppreżentati bil-*badge* tal-FIFA għas-sena 2012.**

Il-Kap Eżekuttiv tal-Malta Football Association, is-Sur Bjorn Vassallo, ppreżenta l-*badges* lill-uffiċjali kollha fi tmiem laqgħa organizzata għall-uffiċjali tal-logħba u l-*Match Inspectors*. Il-laqgħa li għaliha attendew l-ogħla esponenti tal-MFRA, kienet mmexxija mis-Sur Adrian Casha, Direttur tad-Dipartiment tar-*Referees* tal-MFA.

Il-qofol intlaħaq meta numru rekord ta' 16-il uffiċjal, fosthom erba' *referees* tal-futbol, wieħed tal-futsal u tnejn oħra tal-beach soccer, *referee* mara u tmien *assistant-referees* kienu ppreżentati bil-*badge* prestiġjuża tal-FIFA.

Ir-*referees* tal-futbol fuq il-*FIFA List* huma Marco Borg, Christopher Lautier, Clayton Pisani, Alan Mario Sant u Esther Azzopardi. L-*assistant referees* huma Konrad Borg, Alan Camilleri, William Debattista, Mariano Debono, Christopher Francalanza, Edward Spiteri, Ingmar Spiteri u Mitchell Scerri. Dan tal-aħħar ħa post Joseph Camilleri li kellu jirtira wara li laħaq il-limitu tal-età stabbilit mill-FIFA. Camilleri kien ippreżentat b'rikonoxximent bħala sinjal ta' apprezzament għal ħidma tiegħu f'dawn l-aħħar disa' snin f'din il-pożizzjoni.




Björn Vassallo, Kap Eżekuttiv tal-MFA, jippreżenta rikonoxximent lil Joseph Camilleri

Fid-dixxiplina tal-futsal, Franco Cachia u għall-ewwel darba fid-dixxiplina tal-beach soccer, Stefan Pace u Jude Amin Utulu, ingħataw ukoll il-*badge*.

Qabel il-preżentazzjoni, is-Sur Björn Vassallo, indirizza lill-uffiċjali preżenti u fost id-diversi suġġetti diskussi stqarr dwar l-importanza li kull uffiċjal jiffoka fuq l-importanza fid-deċiżjonijiet li jittieħdu matul din il-parti mportanti tal-istaġun. Huwa saħaq li t-taħriġ huwa determinanti f'dan l-istadju biex kull uffiċjal ikun frisk kemm fiżikament u mentalment, minħabba l-fatt li l-pressjoni waqt il-logħbiet tibda tiżdied u għalhekk kull uffiċjal irid ikun fl-aqwa kundizzjoni.

Fi tmiem iċ-ċerimonja, il-Kap Eżekuttiv, irringrazzja lir-*Referees' Board* tal-MFA mmexxi mis-Sur Charles Agius, lis-Sur Lawrence Sammut f'isem l-MFRA, lill-uffiċjali kollha u l-*match inspectors* u lil dawk kollha li jaħdmu f'dan is-settur.

Adrian Casha rreċiproka billi rringrazzja lill-MFA għall-appoġġ kontinwu li qiegħda tagħti lid-Dipartiment tar-*Referees* u esprima s-sodisfazzjon tiegħu għax-xogħol bla heda li jwettqu dawk kollha li jaħdmu f'dan is-settur.




Maltco LOTTERIES
MALTCO LOTTERIES Limited
Help Line Centre: 2388 3333
www.maltco.com

# Faċli għall-holders Floriana

## - Pietà H. jissorprendu lil Tarxien R.


Floriana v Luqa St. Andrew's


Balzan Youths v Zejtun Corinthians


Qormi v Gzira United

Fit-tielet rawnd tal-U*BET FA Trophy, daħlu jilagħbu t-timijiet tal-Kampjonat Premier fejn il-holders Floriana ma sabu l-ebda diffikultà biex jgħaddu mal-Aħħar 16 b'rebħa faċli ta' 6-1 fuq Luqa St. Andrew's.

It-timijiet tal-Premier l-oħrajn li qatgħu l-passaġġ tagħhom huma Balzan Youths, Birkirkara, Hamrun Spartans, Hibernians, Marsaxlokk, Mosta, Qormi, Sliema Wanderers u Valletta.

Kienu Mqabba u Tarxien Rainbows li sfaw eliminati minn din il-kompetizzjoni meta, f'konfrontt dirett, Mqabba sfaw megħluba minn Sliema Wanderers, bl-iskor ta' 4-2, filwaqt li Tarxien Rainbows sfaw umiljati bl-iskor ta' 3-0 kontra t-tim mill-Ewwel Diviżjoni, Pietà Hotspurs.

Hibernians, Marsaxlokk u Mosta kellhom jitħabtu kontra Pembroke Athleta, San Gwann u Msida St. Joseph rispettivament.

**16.12.2011 - 18.00 hrs**

**Mellieħa** 0

**Siggiewi** 0
(Mellieħa 4-3 bil-penalties)

**Centenary Stadium**

**Mellieħa** – James Abela, Marlon Borg, Matthew Vella, Wayne Buttigieg, Benjamin Bartolo, William Borg, Keith Fenech, Kevin Gauci, Kyle Simiana (Joseph Vella 82), Albert Aquilina, Tiago Loquete
*Coach* – Joseph Bajada

**Siggiewi** – Jonathan Vella, Ian Darmanin (Pierre Spiteri 115), Mark Deguara, Brian Galea, Edward Vella, Mario Bajada, Eman Ciappara (Josef Vassallo 74), Stephen Delia, James Shead, Jason Camilleri, Neville Galea
*Coach* – Mario Mifsud

Referee – Jude Utulu
Assistenti – William Debattista, Paul Apap
Ammoniti – K. Fenech (M); J. Vassallo, N. Galea (S)
Penalties – W. Borg, W. Buttigieg, T. Loquete, J.Vella (M); J. Vassallo, S. Delia, J. Camilleri (S)

**17.12.2011 - 14.00 hrs**

**Għargħur** 0

**St. George's** 2
J. Ruiz 8, R. Boutahir 39 (SG)

HT 0-2 **Centenary Stadium**

**Għargħur** – Dunstan Zarb (Jurgen Cilia 68), Luke Stivala, Clint Farrugia, Ryan Debattista, Hubert Gatt Bonello, Edmond Lapira (Diansand Brincat 78), Chris Vella, Karl Azzopardi, Michael Borg Olivier, Beppe Antignolo, Iro Curmi (Ben Perry Acton 73)
*Coach* – Brian Spiteri

**St. George's** – Ryan Marmara, Christian Grech, Emanuel Sevasta, Heathcliff Schembri, Neil Curmi, Emerson Amaira, Gary Inguanez (Amadeo Mercieca 62), Jonathan Ruiz (Anthony Bonello 73), Dylan Zarb, Reda Boutahir (Klinsmann Grech 83), Eric Chukwunyelu
*Coach* – Demis Scerri

Referee – Karl Frendo Cumbo
Assistenti – Mariano Debono, Chris Francalanza
Ammoniti – C. Vella (Għ); H. Schembri, E. Amaira, J. Ruiz, A. Mercieca (SG)

**16.12.2011 - 20.30 hrs**

**Hamrun Spartans** 3
A. Ribeiro 49, 69, K. Sammut 91 pen

**Dingli Swallows** 1
L. Konda 77 pen

HT 0-0 **Centenary Stadium**

**Hamrun S.** – Andrea Cassar, Steve Bonnici, David Camilleri, Matthew Gauci, Massimo Grima, Carlo Polli, Kevin Sammut, Gianluca Calabretta (Ryan Spiteri 75), Dene Shields (Lee James Agius 88), Anderson Mendes Ribeiro, Nikica Gacesa (Glen Azzopardi 81)
*Coach* – Jesmond Zammit

**Dingli S.** – Jeffrey Farrugia, Francis Owusu, Kurt Pace, Alex Portelli (Paolo Ciantar 59), Leontiev Konda, Mauro Brincat, Jonathan Sapiano, Etienne Farrugia, Reuben Vella, Roderick Briffa, Chris Azzopardi
*Coach* – Borislav Giorev

Referee – Clayton Pisani
Assistenti – Mariano Debono, Alex Grech
Raba' Uff. – Trustan Farrugia Cann
Ammonit – P. Ciantar, R. Briffa (DS)

**17.12.2011 - 16.00 hrs**

**Kirkop United** 0

**Rabat Ajax** 3
D. Falzon 26, J. Felice 55, 75

HT 0-1 **Centenary Stadium**

**Kirkop U.** – Christian Francica, Christopher Farrugia (Leonard Zammit 70), Bronwen Bugeja, Lee Cumbo, Albert Busuttil, Peter Paul Cassar (Matthew Pisani 57), Bryan Falzon, Ivan Stankovic, Rumen Kerekov, Jurgen Gerada, Michael Theuma (Daniel Zammit 65)
*Coach* – Albert Busuttil

**Rabat A.** – Jonathan Azzopardi, Neil Caruana (Wayne Borg 76), Chris Schembri, Joseph Caruana, Justin Felice, Alan Zahra (Yan Cauchi 70), Adam Smeir, Dylan Falzon, Christian Muscat (Shaun Gauci 72), Vilson Caushi, David Azzopardi
*Coach* – Silvio Vella

Referee – Philip Azzopardi
Assistenti – Konrad Borg, Alex Grech

17.12.2011 - 14.00 hrs

**Zejtun Corinthians** 1
G. Delia 56
**Balzan Youths** 2
P. Calcado 24, L. Micallef 90
HT 0-1 National Stadium

**Zejtun C.** – Ranier Farrugia, Edward Azzopardi, Matthew Borg, Andre Farrugia, Jesmar Abela, Nikolay Filipov, Kenneth Abela, Kalin Ganchev (Lyden Micallef 88), Gers Delia, Wizam Elzaredi (Ryan Cauchi 90), Charlo Magro
*Coach* – Joe Falzon
**Balzan Y.** – Frederick Tabone, Clifton Ciantar (Renie Forace 62), David Fenech, Yessous Camilleri, Jonathan Francica, Bledjon Guga, Bjorn Bondin, Dylan Grima, Pedro Dos Santos Calcado, Miguel Ciantar (Lydon Micallef 75), Fagner Lins Bernardes (Silvan Ciscaldi 83)
*Coach* – Joe Borg
Referee – Andre Arciola
Assistenti – Duncan Sultana, Roberto Vella
Raba' Uff. – Adrian Azzopardi
Ammoniti – J. Abela (ZC), P. Calcado, B. Bondin (BY)

17.12.2011 - 16.00 hrs

**Hibernians** 5
E. Luis Dos Santos 10, 66, 86, C. Failla 40, A. Cohen 61,
**Pembroke Athleta** 3
M. Borg 13, L. Cilia 37, C. Leonardi 80
HT 2-2 Victor Tedesco Stadium

**Hibernians** – Luke Bonnici, Edward Herrera, Aaron Xuereb, Jonathan Pearson (Ryan Camilleri 46), Clayton Failla, Bjorn Kristensen (Ayrton Azzopardi 89), Rodolfo Soares, Steve Pisani (Scott Chircop 89), Andrew Cohen, Marcelo Dias, Edison Luis Dos Santos
*Coach* – Mark Miller
**Pembroke A.** – Roderick Debattista, Neil Coleiro Gatt, Adrian Galea (Jean Claude Borg 79), Lydon Cilia, Vojko Martinovic, Carlo Leonardi, Matthew Borg (Daniel Calleja Cremona 71), Jonathan Mifsud, Trevor Naudi, Rodney Caruana, Geoffrey Spiteri (Daniel Cremona 72)
*Coach* – Jacques Scerri
Referee – Mario Apap
Assistenti – William Debattista, Thomas Debono
Raba' Uff. – Kevin Azzopardi
Ammoniti – V. Martinovic, M. Borg (PA)

18.12.2011 - 14.00 hrs

**Lija Athletic** 6
A. Sacco 23, 70, 85, I. Adeshina 34, G. Camilleri 53, D. Scerri 91
**Victoria Hotspurs** 0
HT 2-0 Luxol Stadium

**Lija A.** – Ini Etim Aktpan (Luke Attard 71), Timothy Fleri Soler, Renato Conceicao, Daniel Scerri, Gilbert Camilleri, Keith Darmanin (Ben Camilleri 68), Jean Paul Scerri, Andre Scicluna, Matthew Fleri Soler, Ige Abdullahi Adeshina, Antoine Sacco
*Coach* – Marco Gerada
**Victoria H.** – Mark Grima, Justin Azzopardi, Anthony Briffa, Oche Juius Emanche, Daniel Farrugia, James Farrugia, Oliver Farrugia, Ryan Grech (George Attard 46) (Oliver Farrugia 61), Jason Pace, Alex Tramboo, Ian Xuereb
*Coach* – Aldrin Cassar
Referee – Andrew James Sammut
Assistenti – Sandro Spiteri, Philip Farrugia
Ammoniti – R. Conceicao, B. Camilleri, T. Fleri Soler (LA); A. Tramboo (VH)

18.12.2011 - 16.00 hrs

**Mqabba** 2
C.Frendo 38 o.g., J.P.Muscat 72
**Sliema Wanderers** 4
R.Bajada 24, D.Mitev 26, 75, J. Santos Silva 83
HT 1-2 Hibernians Stadium

**Mqabba** – Kris Calleja, Mauro Bonnici, Pierre Grima, Mark Anthony Psaila, Marlon Briffa (Mark Fenech 85), David Azzopardi (Ryan Schembri 86), Thiago Mazzitelli (Gary D'Amato 90), Claudio Calleja, John Paul Muscat, Clayton Micallef, Shawn Magro
*Coach* – Clive Mizzi
**Sliema W.** – Anthony Curmi, Josef Mifsud, Mark Scerri, Jean Pierre Mifsud Triganza (Clifford Gatt Baldacchino 79), Daniel Mitev, Steve Bezzina, Jackson Lima, Roderick Bajada, Jorge Santos Silva, Cleaven Frendo (Ryan Grech 69), Beppe Muscat (Ryan Dalli 86)
*Coach* – Danilo Doncic
Referee – Fyodor Zammit
Assistenti – Edward Spiteri, Sammy Attard
Raba' Uff. – Kevin Azzopardi
Ammoniti – M. Bonnici, C. Calleja (M); J. Lima, C. Frendo, D. Mitev, R. Grech (SW)

17.12.2011 - 16.00 hrs

**Gzira United** 0
**Qormi** 1
J. Da Silva Pereira 81
HT 0-0 National Stadium

**Gzira U.** – Simon Agius, Andre White, Ryan Deguara, Antoine Galea (Steve Gatt 89), Rudi Goncalves Alinho, Jimmy Hussey, Sharlon Pace, Yanis Tonna, Karl Saliba (Matthew Cocks 71), Simon Shead, Anthony Ewurum
*Coach* – Joseph Grech
**Qormi** – Matthew Farrugia, Jeffrey Chetcuti, Rodrick Sammut, Matthew Bartolo, Charlon Sammut (Luke Sciberras 68), Kenneth Scicluna, Federico Mirarchi, Jorge Da Silva Pereira, Stuart Duff (Joseph Chetcuti 89), Stephen Wellman, Daniel Nwoke (Abubakar Bello-Osagie 61)
*Coach* – Stephen Azzopardi
Referee – Esther Azzopardi
Assistenti – Alan Camilleri, Mitchell Scerri
Raba' Uff. – Malcolm Spiteri
Ammoniti – R. Deguara (GU), S. Duff (Q)

18.12.2011 - 14.00 hrs

**Luqa St. Andrew's** 1
L. Vella 90
**Floriana** 6
E. Akoto 4, O. Sodje 15, R. Darmanin 66, 71, A. Grabowski 77, C. Borg 89
HT 0-2 Centenary Stadium

**Luqa SA** – Paul Psaila, Adrian Psaila (Jeffrey Fenech 65), Christian Caruana, Mark Ciantar, Alex Abdilla, Colin Gatt, George Frendo (Darren Agius 75), Sandro Costa Braziliano, Lawrence Vella, Lee Baldacchino, Michael Camilleri (Jason Good 51)
*Coach* – Oliver Cutajar
**Floriana** – Jurgen Borg, Eric Akoto, Owen Bugeja (Francesco Guzman 72), Thomas Paris, Pablo Doffo (Clyde Borg 79), Christian Caruana (John Mintoff 46), Onome Sodje, Joseph Borg, Ryan Darmanin, Andre Grabowski, Christian Cassar.
*Coach* – Michael Woods
Referee – Adrian Azzopardi
Assistenti – Roberto Vella, Duncan Sultana
Raba' Uff. – Andre Arciola
Ammoniti – P. Psaila (LSA)

18.12.2011 - 14.00 hrs

**Xewkija Tigers** 3
C. Camilleri 34, M. Camilleri 73, J. Camilleri 88
**Senglea Athletic** 0
HT 1-0 Gozo Stadium

**Xewkija T.** – Joseph Grima, Manwel Xerri (Ino Mifsud 89), Kiril Dyakov, John Vella (Mark Camilleri 65), Josmar Vella, Elton Vella (Paul Rapa 85), Christian Bugeja, Joseph Azzopardi, Chris Camilleri, Rodney Buttigieg, Johnnie Camilleri.
*Coach* – Simon Cassar
**Senglea A.** – Brandon Bartolo, Brady Zerafa, Michael Ciappara, Sandro Calleja, Rennie Tanti (Jovin Abela 61), Andrew Sciortino, John Alegbe, Tyrone Thomas (Chris Borg 68), Glenn Brincat (Omar Rabbah 72), John Roland Emeka, Rio Micallef
*Coach* – Gordon Camilleri
Referee – Erin Yurtsever
Assistenti – Paul Apap, Albert Borg Cardona
Ammoniti – E. Vella (XT); R. Micallef, A. Sciortino, M. Ciappara, T. Thomas (SA)

18.12.2011 - 14.00 hrs

**Msida St. Joseph** 0
**Mosta** 1
I. Zammit 85
HT 0-0 Victor Tedesco Stadium

**Msida SJ** – John Agius, Lesley Cassar, Matthew Borda, Oswald Zammit, Matthew Clarke, Melvin Pisani (Martyrn Curtis 55), Ryan Xuereb (Dylan Attard 90), Mario Caruana, Alessandro Pirrone (Mario Crupi 63), Phiram Sakchai, Fernando Donizete De Andrade.
*Coach* – Anthony Dalli
**Mosta** – Glenn Zammit, Adrian Borg, FedericoTisbi, Bryan Agius (Luca Martinelli 80), Yannick Ossok, Nikola Bogdanovic (Jonathan Bajada 46), Kurt Magro, Firas Aboulezz, Gilbert Martin (Wayne Sciberras 88), Ian Zammit, Maki Bertrand Mvondo
*Coach* – Steve D'Amato
Referee – Malcolm Spiteri
Assistenti – Mariano Debono, Alex Grech
Raba' Uff. – Mario Apap
Ammoniti – M. Borda, M. Pisani, O. Zammit, R. Xuereb, M. Crupi (MSJ); K. Magro, F. Aboulezz (M)

17.12.2011 - 14.00 hrs

**San Gwann** 3
C. Pace 31, R. Attard 57, 67
**Marsaxlokk** 5
M. Licari 10, 85, S. Eboh 42, 74, M. Valeriani 64 pen
HT 1-2 Victor Tedesco Stadium

**San Gwann** – Daniel Nagy, Keith Vella, Daniel Cosaitis, Miguel Francica, Quincy Bregman, Alan Borg, Peter Xuereb, Chris Pace (Chris Cuschieri 49), Richard Attard, James Borg (Shawn Vella 72), Chris Cacciatolo (Matthew Asciak 82)
*Coach* – Michael Molzahn
**Marsaxlokk** – Reuben Gauci, Modesto Valeriani, Clive Brincat, Patrick Borg, Carlo Mamo, Sunday Eboh, Kevin Polidano (Stefan Cutajar 72), Jean Paul Farrugia (Darrell Grech 88), Gary Caruana, Dylan Kokavessis (Trevor Templeman 57), Malcolm Licari
*Coach* – Anton Cremona
Referee – Tristan Farrugia Cann
Assistenti – Edward Spiteri, Sammy Attard
Raba' Uff. – Fyodor Zammit
Ammoniti – R. Attard, A. Borg (SG); M. Valeriani, G. Caruana, D. Grech (M)
Tkeċċa – K. Vella 63 (SG)

18.12.2011 - 16.00 hrs

**Tarxien Rainbows** 0
**Pietà Hotspurs** 3
V. Pereira Dos Santos 43, 75 I. Grech 61 (PH)
HT 0-1 Centenary Stadium

**Tarxien R.** – Nicky Vella, Steve Sadowski, Carl Sammut (Warren Zerafa 76), Manuel Caruana, Everton Antonio Pereira, Ricardo Costa, Karl Pulo (Orosco Anonam 56), Julian Vella, Leli Galea, Caio Garcia Suguino, Justin Grioli (Luke Vella Critien 43)
*Coach* – Patrick Curmi
**Pietà H.** – Miguel Montfort, Clive Spiteri, Ezequiel Giaccaglia Belzuz, Quelin Refalo, Terence Agius, Zach Muscat, Vinicius Pereira dos Santos (Adrian Farrugia 86), Cleaven Cassar, Jonathan Bilbao Zarate, Jurgen Pisani (Larson Mallia 82), Ismael Grech (Bernard Sciberras 88)
*Coach* – Edmond Lufi
Referee – Glen Tonna
Assistenti – William Debattista, Alan Camilleri
Raba' Uff. – Trustin Farrugia Cann
Ammoniti – J. Grioli, L. Vella Critien (TR); E. Giaccaglia Belzuz (PH)

18.12.2011 - 14.00 hrs

**Birkirkara** 4
H. Shola 16, G. Sciberras 31, S. Bajada 55, M. Avila 92
**Vittoriosa Stars** 0
HT 2-0 Hibernians Stadium

**Birkirkara** – Alexander Canovic, Rodrigo Pereira, Gareth Sciberras, Joseph Zerafa (Alan Tabone 72), Paul Fenech, Leighton Grech (Trevor Cilia 75), Shaun Bajada, Ryan Scicluna, Haruna Shola (Michael Camilleri 86), Moises Avila, Ryan Camenzuli
*Coach* – Paul Zammit
**Vittoriosa S.** – Ivan Cassar, Justin Camilleri, Marcelo Pereira, Erin Azzopardi, Rocha dos Santos, Adam Spiteri, Josef Dalli (Mauro Grioli 82), Malcolm Buttigieg, Roberto Brincat (Dillon Pace 74), Isaac Henry, Ivan Kurtusic
*Coach* – Joe Brincat
Referee – Kevin Azzopardi
Assistenti – Chris Francalanza, Mitchell Scerri
Raba' Uff. – Esther Azzopardi
Ammoniti – E. Azzopardi, I. Kurtusic (VS); M. Pereira (B)

18.12.2011 - 16.00 hrs

**St. Patrick** 0
**Valletta** 2
S. Arab 11, R. Fenech 22
HT 0-2 Victor Tedesco Stadium

**St. Patrick** – Jonthan Grech, Evair Grech, Malcolm Vella, Andreas Galea (Randall Cassar 78), Jurgen Farrugia, Simon Zerafa, Blendi Gockaj, David Mamo (Ilyad Scicluna 46), Alex Ellul (David Gauci 70), Steven Dimech, Bertrand Engoudou
*Coach* – Robert Cassar
**Valletta** – Matthew Towns, Ramon dos Santos, Ryan Fenech, Samir Arab, Siraj Arab, William Barbosa, Denni (Oznef Cassar 73), gilbert Agius (Isaac Zammit 44), Jamie Pace (Lydon Spiteri 83), Steve Borg, Jonathan Caruana
*Coach* – Jesmond Zerafa
Referee – Paul Caruana
Assistenti – Thomas Debono, Karl Frendo Cumbo
Raba' Uff. – Malcolm Spiteri
Ammoniti – S. Borg (V)

Michael Mifsud (Valletta) jindirizza freekick lejn il-lasti ta' Sliema Wanderers




# Rimonta mpressjonanti minn Valletta

Fir-rawnd tal-Aħħar 16 tal-U*Bet FA Trophy, kienu Valletta li serqu x-xena meta għelbu lil Sliema Wanderers bl-iskor kbir ta' 5-2 wara li kienu dawn tal-aħħar li fetħu vantaġġ ta' 2-0.

Il-Wanderers daħlu jistrieħu b'vantaġġ komdu ta' żewġ gowls iżda Valletta kellhom ħsibijiet oħrajn minħabba li fit-tieni taqsima skorjaw ħames gowls mingħajr risposta b'wirja ta' champions biex ikkwalifikaw ukoll għall-kwarti finali.

Il-holders Floriana kellhom jitħabtu biex għelbu lil Balzan Youths bl-iskor ta' 1-0 fejn il-Greens fallew ukoll penalti mogħti minn Ivan Woods. Minkejja megħluba, il-Youths kienu sfida denja u fl-ebda mument ma dehru nferjuri għall-avversarji tagħhom.

It-tim tal-Ewwel Diviżjoni, Pietà Hotspurs, kompla bis-serje pożittiva kontra t-timijiet tal-Premier, meta din id-darba għelbu lil Marsaxlokk bl-iskor kbir ta' 5-1.

Qormi ma sabu l-ebda diffikultà biex għelbu lit-tim tat-Tieni Diviżjoni, Mellieħa, bl-iskor ta' 5-0 biex dehret evidenti d-differenza bejn iż-żewġ timijiet.

Hibernians għelbu lil Rabat Ajax bl-istess skor. Kien mistenni aktar mill-Ajax iżda l-Pawlisti aċċertaw dan il-konfront fl-ewwel nofs siegħa logħob meta kienu qed igawdu vantaġġ ta' erba' gowls.

L-uniku tim Għawdxi li kien fadal fil-kompetizzjoni, Xewkija Tigers, safa eliminat minn Mosta bl-iskor ta' 3-1 fejn għalihom skorja wkoll l-akkwist il-ġdid, Zakaria Kibona.

Hamrun Spartans komplew jesponu l-kriżi ta' Birkirkara hekk kif eliminawhom bl-iskor ta' 3-2 ... b'dawn tal-aħħar jitilfu wkoll lid-difensur Joseph Zerafa hekk kif safa mkeċċi.

L-unika partita li spiċċat bil-penalties kienet dik bejn Lija Athletic u St. George's b'dawn tal-aħħar joħorġu rebbieħa bl-iskor ta' 5-4.


Anderson Mendes Ribeiro (Hamrun S.) attakkat minn Ryan Scicluna (Birkirkara)


Jan Cauchi (Rabat A.) jikkontrolla f'attakk ta' Hibernians

**21.01.2012 - 14.00 hrs**

**Balzan Youths** 0

**Floriana** 1

A. Grabowski 54

HT 0-0 **National Stadium**

**Balzan Y.** – Fredrick Tabone, Bledjon Guga, Jonathan Francica, Yessous Camilleri, Renie Forace (Lydon Micallef 83), Martin Deanov, Dylan Grima, Bjorn Bondin (David Fenech 40), Fagner Lins Bernardes (Nikola Tasic 74), Pedro Dos Santos Calcado, Anthony Eviparker

*Coach* – Joe Borg

**Floriana** – Manuel Bartolo, Eric Akoto, Owen Bugeja, Duncan Pisani, Manolito Micallef, Pablo Doffo, Christian Cassar (John Mintoff 87), Christian Caruana, Andre Grabowski, Ivan Woods, Clyde Borg (Malcolm Licari 46) (Joseph Borg 84)

*Coach* – Michael Woods

Referee – Fyodor Zammit

Assistenti – Ingmar Spiteri, Sammy Attard

Raba' Uff. – Adrian Azzopardi

Ammoniti – C. Cassar, C. Caruana (F); P. Dos Santos Calcado, B. Guga, A. Eviparker (BY)

**21.01.2012 - 14.00 hrs**

**Marsaxlokk** 1

J. P. Farrugia 37

**Pietà Hotspurs** 5

A. Farrugia 19, V. Pereira 56, 80, Z. Muscat 70, M. Agius 91

HT 1-1 **Centenary Stadium**

**Marsaxlokk** – Christian Cassar, Modesto Valeriani, Trevor Templeman, Kevin Polidano, Stephan Cutajar (Gabriel Buttigieg 62), Luke Agius, Craig Debattista (Patrick Borg 62), Jean Paul Farrugia, Gary Caruana, Darrel Grech (Dylan Attard 83), Nemanja Stoskovic

*Coach* – Anton Cremona

**Pietà H.** – Miguel Montfort, Christian Grech, Clive Spiteri, Quilin Refalo (Matthew Agius 83), Terrence Agius, Zach Muscat, Vinicius Pereira dos Santos, Cleaven Cassar, Jonathan Zarate, Jurgen Pisani (Larson Mallia 72), Adrian Farrugia (Karl Cutajar 87)

*Coach* – Edmond Lufi

Referee – Clayton Pisani

Assistenti – William Debattista, Paul Apap

Raba' Uff. – Mario Apap

Ammoniti – Z. Muscat, A. Farrugia, V. Pereira (PH); K. Polidano, D. Grech, P. Borg (M)



Andrè Grabowski (Floriana) jaħrab il-kustodja ta' Yessous Camilleri (Balzan Y.)



**21.01.2012 - 16.00 hrs**

**Sliema Wanderers** 2

D. Mitev 3, 16

**Valletta** 5

E. Agius 50, O. Zongo 60, 79, M. Mifsud 68 pen, A. Effiong 88

HT 2-0 **National Stadium**

**Sliema W.** – Henry Bonello, Ryan Grech (Jean Pierre Mifsud Triganza 72), Mark Scerri, Daniel Mitev, Steve Bezzina, Clifford Gatt Baldacchino, Ryan Fenech, Rumen Galabov, Rodrick Bajada, Emiliano Lattes, Beppe Muscat (Alex Muscat 63)

*Coach* – Danilo Doncic

**Valletta** – Andrew Hogg, Steve Borg, Ian Azzopardi, Roderick Briffa, Gilbert Agius, Denni Rocha Dos Santos, William Barbosa (Edmond Agius 32), Michael Mifsud, Jonathan Caruana, Alfred Effiong, Dyson Falzon (Ousseni Zongo 32)

*Coach* – Jesmond Zerafa

Referee – Kevin Azzopardi

Assistenti – Alan Camilleri, Roberto Vella

Raba' Uff. – Esther Azzopardi

Ammoniti – R. Grech (SW)

**21.01.2012 - 16.00 hrs**

**Mellieha** 0

**Qormi** 5

J. Farrugia 2, J. P. Da Silva 12, 16, 69, C. G. Siguino 61

HT 0-3 **Centenary Stadium**

**Mellieha** – James Abela, Matthew Vella, Wayne Buttigieg, David Cauchi, Ben Bartolo, Kevin Gauci, William Borg, Keith Fenech, Glenn Magri (Kyle Simiana 74), Robert Perkins (Mauro Calleja 51), Tiago Loquete (Philip Taylor 36)

*Coach* – Dennis Fenech

**Qormi** – Steve Sultana, Roderick Sammut, Matthew Bartolo, Joseph Chetcuti, Joseph Farrugia (Ranier Buhagiar, 72'), Luke Sciberras, Federico Mirachi (Carmelo Farrugia, 66'), Jorge Pereira da Silva, Jonathan Bondin, Caio Garcia Suguino (Charlot Sammut, 76'), Tristan Caruana

*Coach* – Stephen Azzopardi

Referee – Paul Caruana

Assistenti – Chris Francalanza, Thomas Debono

Raba' Uff. – Malcolm Spiteri

Ammoniti – K. Fenech, W. Borg, M. Vella (M)

**22.01.2012 - 14.00 hrs**

**Rabat Ajax** 0

**Hibernians** 5

A. Cohen 4, C. Failla 14, P. Anizoba 18, E. Luis dos Santos 24, J. Lima 79

HT 0-4 **Hibernians Stadium**

**Rabat A.** – Sean Mintoff, Neil Caruana (Vilson Caushi 21), Christopher Schembri, Joe Cornforth, Joseph Caruana, Adam Smeir, Arlindo Rustemi (David Azzopardi 46), Dylan Falzon, Christian Muscat, Yan Cauchi, Ryan Micallef (Justin Felice 65)

*Coach* – Silvio Vella

**Hibernians** – Mario Muscat, Jonathan Pearson, Rodolfo Soares, Jason Vandelannoite, Bjorn Kristensen, Clayton Failla (Steve Pisani 83), Andrew Cohen, Jackson Lima, Scott Chircop, Peter Anizoba (Johann Bezzina 67), Luis Edison dos Santos (Marcelo Dias 46)

*Coach* – Mark Miller

Referee – Alan Mario Sant

Assistenti – Alan Camilleri, Paul Apap

Raba' Uff. – Kevin Azzopardi

Ammoniti – R.Micallef (R), J.Pearson (H)

**22.01.2012 - 14.00 hrs**

**Mosta** 3

K. Magro 33, F. Raimy 35, Z. Kibona 57

**Xewkija Tigers** 1

C. Camilleri 24 pen

- L-iskema tal-iSports Leave għall-ħaddiema tas-settur pubbliku ġiet estiża wkoll għall-avvenimenti internazzjonali li jkunu qed jiġu organizzati f'Malta.
- Niedejna għall-ewwel darba skema ta' Turiżmu Sportiv, f'Għawdex

**Matul is-sena, 2012, il-ħidma fl-isport se tissokta billi:**
- Tissaħħaħ l-iskema li tinċentiva l-ħolqien ta' niċċa ta' Turiżmu Sportiv, minn €100,000 fl-2009 għal allokazzjoni ta' €350,000, fl-2012
- Se tinfetaħ skola ġdida tal-isport, biex uliedna jirnexxu fl-isport ukoll
- Se jinfetħu tliet Outdoor Fitness Centres oħra, ma' dak li diġà nfetaħ, f'Ta qali, f'Ħ'Attard, f'Ħal Qormi u l-Mellieħa
- Se jitnedew boroż ta' studju fil-qasam sportiv
- Se tiġi żviluppata korsa għat-taħriġ u l-kompetizzjonijiet tal-karting, mini moto, quad bikes, motards, scooters, kif ukoll għal tuning ta' vetturi li jipparteċipaw fil-hill climb.
- Se jinbnew żewġ basketball training courts oħra
- Se jinbnew aktar grawnds bit-turf sintetiku
- Se tinbena pixxina f'Birzebbuġa u oħra f'Għawdex
- Se nagħtu aktar art pubblika lill-Għaqdiet Sportivi
- Se jitnieda kodici ta' etika għall-sportivi
- Se titnieda Coaching policy għal konsultazzjoni




# Investiment ta' Miljuni ta' Ewro fil-Faċilitajiet Sportivi ta' pajjiżna

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

Il-faċilitajiet sportivi f'pajjiżna huma pedina mportanti biex tixxettel kultura sportiva u biex jiżviluppa l-isport f'pajjiżna. Il-Gvern għalhekk qiegħed jinvesti miljuni ta' ewro biex jassigura li jkollna aktar faċilitajiet ... u faċilitajiet aħjar. Dan qed isir billi l-Gvern qed jgħaddi fondi lill-Kunsill Malti għall-Isport (KMS) biex jibni faċilitajiet ġodda u biex itejjeb il-Kumplessi Sportivi eżistenti; jinvesti biex jatrezza l-iskejjel tal-istat b'faċilitajiet sportivi ta' livell għoli, ifittex li jissieħeb mal-privat biex jibni kumplessi ġodda; filwaqt li jinċentiva lill-għaqdiet sportivi biex jiżviluppaw il-faċilitajiet tagħhom.

Fl-aħħar tliet snin inbena Kumpless Sportiv ġdid f'Ħal Kirkop, 33 grawnd tal-football, High Ropes course f'Ta'Qali u ieħor f'Għajn Tuffieħa, Outdoor Fitness Centre, f'Ta' Qali, u diversi faċilitajiet sportivi fl-iskejjel tal-istat fosthom f'Bormla, Ħal Kirkop, u l-Mosta. Fis-sena li jmiss se jinbnew track tal-Karting, żewġ training courts tal-basketball, aktar grawnds tal-futbal, faċilitajiet sportivi oħra fil-Kulleġġ San Injazju u tliet outdoor gyms oħra fost l-oħrajn.

### Faċilitajiet tal-Kunsill Malti għall-Isport

Il-KMS għandu t-tmexxija ta' bosta Faċilitajiet Sportivi fosthom il-Kumpless tal-Marsa, f'Tal-Qroqq, tal-Kottonera, Ħal Kirkop, Ta' Qali u numru ta' faċilitajiet sportivi fl-iskejjel tal-istat.

**Kumpless Sportiv Kirkop – Investiment ta' €3.5 miljun għal eluf ta' studenti u sportivi**

Tlesta x-xogħol fuq il-Kumpless Sportiv ġdid ta' Ħal Kirkop li seħħ b'investiment ta' €3.5 miljun. Il-Kumpless beda jilqa' fih il-mijiet ta' tfal li jattendu l-Kulleġġ San Benedittu matul il-ħin tal-iskola kif ukoll immedjatament wara u fil-għaxija u fi tmiem il-ġimgħa se jkun qed jilqa' diversi għaqdiet sportivi. F'dan il-kumpless se jkun qed isir it-taħriġ tal-volleyball, il-basketball, l-arti marzjali, u ż-żfin fost l-oħrajn, filwaqt li jkun qed jospita il-kampjonat u t-taħriġ tan-Netball. B'dan il-mod se jiġi ikkreat aktar spazju għal-logħba tal-Handball li issa qed tokkupa aktar ħin fil-Kumpless Sportiv, Tal-Qroqq.

**Kumpless Sportiv tal-Kottonera - iċċertifikat ta' livell internazzjoanli mill-UEFA**

Fl-aħħar snin sar investiment fl-immodernizzar tal-Kumpless Sportiv tal-Kottonera biex issa dan il-Kumpless ġie ċċertifikat mill-UEFA li fih jista' jospita logħob internazzjonali tal-Futsal. Dan il-Kumpless jilqa' fih ukoll diversi attivitajiet sportivi bħal volleyball, badminton, karate tradizzjonali, aerobics u yoga. F'dan il-kumpless f'Awwissu tas-sena 2010 ġie organizzat għall-ewwel darba f'pajjiżna, wieħed mis-seba' gruppi preliminari tal-UEFA Cup u f'Ottubru li għadda, it-tim nazzjonali Malti ħa sehem f'tournament ta' ħbiberija. Fl-istess kumpless din is-sena ġew organizzati wkoll kampjonati internazzjonali tal-judo u tal-bodybuilding fost l-oħrajn.

**Kumpless Sportiv tal-Qroqq – Ri-organizzar ta' kumpless li jiswa €1.7 miljun fis-sena**

Il-Kumpless Sportiv, Tal-Qroqq, jilqa' fih il-Pixxina Nazzjonali, il-Fitness Center u padiljun multipurpose li jilqa' fih taħriġ u kompetizzjonijiet tal-Handball, Table Tennis, Basketball u DanceSport fost l-oħrajn. Il-Gvern baqa' jsostni l-ispiża ta' madwar €1.7 miljun fis-sena għall-operat ta' dan il-kumpless. In-nefqa biex jissaħħan l-ilma tal-pixxina titla' mijiet ta' eluf ta' ewro waħedha. F'dawn l-aħħar tliet snin saret ukoll spiża ta' aktar minn €500,000 biex isir titjib fuq l-apparat tal-pixxina u tal-Fitness Center. Il-kwalità tal-ilma u tas-saħħa u s-sigurtà tal-atleti u t-tfal ħadu priorità fuq it-tisbiħ f'dan l-investiment. Flimkien mal-Għaqdiet Sportivi qegħdin naraw li matul is-sena li jmiss ikompli jsir titjib sostanzjali ieħor f'dan il-Kumpless. Ix-xogħol li sar u li qed isir fil-kumpless ivarja minn xogħlijiet strutturali ġenerali u xogħlijiet fix-showers, għal xogħlijiet li se jsiru fit-titjib tal-isquash courts, t-tieni estensjoni tal-Fitness Center u l-bini u t-twaqqif ta' akkademja tal-Isnooker. Fl-istess waqt

qed issir ri-organizzazjoni tal-operat u l-managment tal-kumpless.

### Outdoor Fitness Center u High Ropes Course f'Ta' Qali – Għal Soċjetà b'saħħitha

L-Open Air Fitness Center, f'Ta' Qali, infetaħ lejn l-aħħar tal-2010 biex iħajjar aktar nies jaqbdu stil ta' ħajja attiva. F'dan il-Fitness Centre, persuna tista' tagħmel work-out komplut, fil-ġurnata u fil-ħin komdu għaliha u mingħajr l-ebda ħlas. Minbarra l-outdoor gym, il-Kunsill Malti għall-iSport jamministra wkoll il-High Ropes course fl-Adventure Park, f'Ta' Qali, li minn meta fetaħ sal-lum ġibed l-interess ta' aktar minn 3,000 persuna. Aktar minn hekk, il-Gvern issieħeb mal-Iscouts u bena High Ropes Course ieħor, f'Għajn Tuffieħa, għall-użu tal-membri tal-Iscouts li jammontaw madwar 4,000 membru.

### Kumpless Sportiv Għawdex

Fl-aħħar ġimgħat, f'Għawdex, bdiet il-preparazzjoni biex tinbena pixxina 'indoor' u faċilitajiet sportivi oħra annessi mal-Kumpless Sportiv ta' Għawdex. Bħalissa l-Ministeru ta' Għawdex qed jaħdem l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi marbuta mal-ħruġ għall-offerti u malli dawn ikunu lesti jkunu jistgħu jibdew jinħarġu it-tenders għall-bini tal-pixxina

## Faċilitajiet ta' kwalità għolja fl-iskejjel - Għalina, għal Uliedna u għall-Komunità Sportiva

Il-Gvern qiegħed jibni skola ġdida kull sena. Dawn l-iskejjel *state of the art* qiegħed ikollhom ukoll facilitajiet sportivi ta' kwalità għolja. L-iskejjel ġodda tal-Ħandaq, Bormla, Ħal-Kirkop, Mosta u diversi skejjel oħra illum għandhom faċilitajiet tajbin li mhux biss jakkomodaw lit-tfal matul il-jum skolastiku iżda wkoll lil komunità sportiva u lokali wara l-ħin tal-iskola.

L-istudenti ta' dawn l-iskejjel jużaw il-faċilitajiet sportivi matul il-jum skolastiku għal taħrig mill-għalliema tal-Edukazzjoni Fiżika kif ukoll diversi programmi sportivi tal-Sport Promotion Unit waqt u wara l-ħin tal-iskola. Sal-lum hemm 31 Għaqda Sportiva, li jvarjaw minn Futbol, għal Basketball, Volleyball, atletika u arti marzjali, li jużaw il-faċilitajiet ta' 14-il skola tal-istat biex jipprattikaw l-isport tagħhom wara l-ħin tal-iskola u fi tmiem il-ġimgħa. Disgħa minn dawn l-għaqdiet għażlu wkoll li jkomplu jinvestu madwar €1,100,000 fil-faċilitajiet sportivi tal-iskejjel.

It-track tal-Kulleġġ San Injazju u San Benedittu infetħu għall-pubbliku għall-mixi u l-jogging bl-ammont ta' membri li qed jagħmlu użu, bla ħlas, minn dak it-track issa qed ilaħħaq kważi l-650. Fil-gimgħat li ġejjin se nifthu wkoll it-track tal-iskola tal-Mosta għall-pubbliku tal-inħawi għall-mixi u l-jogging.




### White Rocks u Marsa Sports Village: Kunċetti Innovattivi b'investiment tal-Privat

F'din il-leġislatura, il-Gvern ħareġ b'żewġ kunċetti innovattivi fl-isport, biex b'investiment privat jibni żewġ villaġġi sportivi, wieħed fil-Marsa u ieħor fil-White Rocks. Dawn il-proġetti huma differenti iżda kumplimentari u jaħsbu għal għexieren ta' dixxiplini sportivi differenti. Il-proġetti għadhom fuq livell kunċettwali u jeħtieġ li jattiraw l-investiment kapitali mill-privat biex ikunu jistgħu jseħħu.

Il-Gvern ma bediex in-negozjati bil-ħabi, iżda għażel li fi spirtu ta' trasparenza sħiħa jħabbar li se jibda negozjati ma' investituri privati dwar il-White Rocks Sports and Leisure Village filwaqt li ħareġ sejħa għall-espressjoni ta' interess dwar l-iżvilupp tal-kunċett tal-Marsa Sports Village.

In-negozjati dwar il-White Rocks għadhom għaddejjin u l-Gvern ikun lest iħabbar li laħaq ftehim meta tassew iħoss li akkwista l-aħjar kundizzjonijiet għall-poplu Malti u għall-komunità sportiva.

Wara s-sejħa għall-espressjoni ta' interess għall-iżvilupp tal-kunċett tal-Marsa Sports Village il-KMS ma rċieva l-ebda proposta formali u għalhekk il-KMS iltaqa' mal-investituri biex jisma l-preokkupazzjonijiet tagħhom biex ikun f'pożizzjoni li joħroġ sejħa ġdida, jekk dan ikun ukoll fl-interess tal-poplu Malti u l-Komunità Sportiva.

Dawn iż-żewġ progetti għandhom il-potenzjal li jagħtu spinta qawwija lill-iżvilupp tal-isport Malti kif ukoll li joffru rikreazzjoni adekwata lill-eluf ta' żgħażagħ u familji Maltin, filwaqt li jistimolaw l-investiment u joħolqu l-impjiegi.

## Għajnuna lill-Għaqdiet Sportivi biex jiżviluppaw il-Faċilitajiet tagħhom

Fl-istess waqt li l-Gvern qiegħed jinvesti fil-faċilitajiet tiegħu u jfittex sieħba privati biex jinvesti f'oħrajn, il-Gvern qiegħed ukoll iħeġġeġ u jgħin lill-Għaqdiet Sportivi biex jinvestu fil-faċilitajiet tagħhom. Dan qed jagħmlu permezz ta' diversi skemi fosthom: jgħaddi art pubblika lill-Għaqdiet Sportivi, sussidju ta' 95% fuq il-kirjiet ta' art pubblika, għajnuna finanzjarja mill-Kunsill Malti għall-Isport u l-Fond għall-Kawżi Gusti u inċentivi fiskali li jħallsu lura 15.25% tan-nefqa totali tal-proġett.

### Propjetà Pubblika tgħaddi għand l-Għaqdiet Sportivi- Investiment ta' €46 miljun

Ftit tal-ġimgħat ilu l-Gvern għadda 16-il biċċa art pubblika oħra lil 13-il Għaqda Sportiva u hemm numru ta' artijiet oħra li huma ppjanati li jgħaddu fix-xhur li ġejjin. B'hekk, issa hemm 111-il Għaqda Sportiva li qed jamministraw u jgawdu minn użu ta' 124 art u proprjetajiet pubbliċi li l-valur totali tagħhom jammonta għal €46 miljun. Dan juri l-impenn sħiħ tal-gvern li jżid il-faċilitajiet sportivi fil-pajjiż filwaqt li jassisti b'mod qawwi lill-Għaqdiet biex jagħmlu dan. Il-Gvern jistenna li din l-art pubblika tintuża b'għaqal mill-Għaqdiet Sportivi.

### Żvilupp ta' 33 grawnd tal-football – għal 9,000- tifel u tifla, żagħżugħ u żagħżugħa

Il-Gvern, permezz tal-Kunsill Malti għall-Isport u l-Fond għall-Kawżi Gusti, daħal fi sħab mal-Malta Football Association li ġabet fondi mill-UEFA, biex jiżviluppa 33 grawnd tal-football.

Il-klabbs li żviluppaw il-grawnds kienu: Balzan FC, Għargħur FC, Għaxaq FC, Gozo Football Association,

# Jiżdiedu l-faċilitajiet sportivi

Gudja United FC, Gżira United FC, Kalkara FC, Kirkop United FC, Lija Athletic FC, Marsa FC, Marsascala FC, Marsaxlokk FC, Mellieħa FC, Mġarr United FC, Mtarfa FC, Mosta FC, Pembroke Atleta, Pietà Hotspurs FC, Qormi FC, Qrendi FC, Rabat Ajax FC, Sannat Lions FC, Siġġiewi FC, Sliema Wanderers FC, St. Lucia FC, St. Patricks FC, Xgħajra Tornadoes FC, Żebbuġ Rangers FC u Żurrieq FC.

Ma' dawn il-grawnds iridu jiżdiedu il-pitches li saru fil-kulleġġi l-ġodda mibnija mill-Fondazzjoni tal-Iskejjel ta' Għada (FTS) jiġifieri fil-Kulleġġ Santa Margerita f'Bormla, fil-Kulleġġ San Benedittu f'Ħal Kirkop, Kulleġġ Marija Reġina, fiż-żokrija, Mosta, u fil-Kulleġġ San Injazju, f'Ħal Qormi, li saru mill-2008 lil hawn kif ukoll il-grawnd tall-Kullegg San Ġorġ Preca, fil-Ħamrun, u numru ieħor ta' pitches 5-a-side, madwar Malta u Għawdex.

## Faċilitajiet ġodda għat-taħriġ tal-Basketball - Investiment ta' €800,000

Dan l-aħħar tħabbar ukoll li l-Gvern, permezz tal-Kunsill Malti għall-iSport, daħal fi sħab mal-Malta Basketball Association biex isir żvilupp ta' faċilitajiet ġodda għat-taħriġ tal-basketball biswit il-padiljun tal-Basketball, f'Ta' Qali. Din il-faċilità ser tkun qed issir b'investiment ta' madwar €800,000. Dan jinkludi l-valur tal-art li tammonta għal €450,000 u l-ispiża ta' €350,000 għall-bini ta' din il-facilità ġdida.

## Motor Sport: Track tal-Karting b'investiment ta' €350,000

Kif tħabbar waqt l-aħħar budget f'Novembru li għadda, din is-sena, il-Gvern se jivvota €350,000 għal bini ta' track għall-motorsport. Dan iċ-ċirkwit se jkun adekwat għal taħriġ u kompetizzjonijiet tal-Karting li jakkomoda ukoll lil Mini Motos, Quad Bikes, Motards, Scooters, kif ukoll iservi ta' użu għal dawk il-vetturi li jipparteċipaw fil-Hill Climbs u Drifting. Meta dan iċ-ċirkwit jitlesta, l-isport awtomobilistiku lokali ikun jista' jħares 'il quddiem b'ottimiżmu u jkun wieħed mill-kontributuri ewlenin fil-qasam tat-turiżmu sportiv.

## Xogħolijiet ta' tisbiħ fil-Pitches tal-Boċċi

Matul l-2011, ġie mniedi proġett flimkien mal-ETC permezz tal-Community Works Scheme u l-Federazzjoni Klabbs tal-Boċċi bil-għan li jsir titjib fil-pitches tal-boċċi. Sa issa, sar xogħol ta' titjib fuq 6 pitches tal-boċċi u matul din is-sena hu ppjanat li jsir aktar xogħol ta' titjib.

## Akkademja tal-iSnooker

Il-Kunsill Malti għall-Isport qiegħed jgħin ukoll lill-Malta Billiards & Snooker Association sabiex titwaqqaf l-ewwel akkademja tal-isnooker tagħha fil-Kumpless Sportiv tal-Qroqq. Dan jgħin biex jiżdied it-talent li jipprattika sportiv, sigur u li jħares l-interess tat-tfal.

## Pixxina f'Birżebbuġa

Il-Ministeru tal-Affarijiet Rurali u Ambjent, bħalissa qed jiffinaliza t-tender għall-pixxina f'Birżebbuġa u la darba jkun hemm l-approvazzjoni tal-fondi, jiġi ppublikat l-ewwel tender tal-bażi (struttura fuq l-ilma) tal-waterpolo club.



# Biex inrawmu Atleti Nazzjonali li jagħmluna kburin



L-isport aċċessibbli għal kulħadd huwa mportanti għal saħħet il-poplu Malti iżda tajjeb ukoll biex jgħinna inwessgħu l-bażi, diġà limitata bin-numru tal-popolazzjoni żgħira tagħna, minn fejn nagħżlu l-Atleti Nazzjonali li jirrapreżentawna.

Matul is-sena li għaddiet kellna diversi suċċessi sportivi. Mhux biss, William Chetcuti sar għall-ewwel darba Champion tad-Dinja fi Sport Olimpiku iżda s-suċċessi u r-riżultati sportivi kienu konsistenti f'numru ta' dixxiplini oħrajn. Dan is-suċċess fil-kamp sportiv qed jiġi kkumplimentat ukoll b'serje ta' *policies*, skemi u inizjattivi li kienu daqstant pożittivi. Fil-fatt, f'dawn l-aħħar tliet snin ittieħdu diversi inizjattivi biex jiġu żviluppati u appoġġati l-atleti elite li jipprattikaw l-isport bħala dixxiplina veru u proprju.

Il-pjan tal-Gvern dwar l-atleti nazzjonali huwa li jimxi il-vjaġġ sportiv magħhom: mill-istadju ta' identifikazzjoni tat-talent sal-ħin li jkunu qed jikkompetu għal pajjiżhom. F'dawn l-aħħar snin, mhux biss ingħatat assistenza lil-Kumitat Olimpiku Malti iżda ġew imnedija wkoll il-Youth Develelopement Scheme, l-iSports Competition Leave għall-atleti u l-uffiċjali, it-20/20 Sports Training Scheme għall-ħaddiema tas Settur Pubbliku u 20/20 Sports Training Scheme għall-ħaddiema fis-Settur Privat. Is-sena li għaddiet twaqqaf Unit Sportiv fil-Forzi Armati ta' Malta u din is-sena se tiġi mwaqqfa l-Iskola Nazzjonali tal-Isport u se jingħataw scholarships għal min irid jispeċjalizza fl-isport.

## Skola Nazzjonali tal-Isport biex uliedna jirnexxu fl-isport ukoll:

Mis-sena skolastika li jmiss, studenti promettenti li jridu jirnexxu u jagħmlu karriera fl-isports se jkunu jistgħu jitħarrġu fi skola sekondarja speċjalizzata li se tkun ċentru ta' eċċellenza għall-attività sportiva. Din l-iskola se tkun qed tiftaħ opportunità oħra fejn iż-żgħażagħ tagħna jistgħu jsegwu l-ambizzjonijiet tagħhom u jirnexxu. Din l-iskola se tkun qed tħarreġ lill-atleti promettenti, fl-iżvilupp sportiv tagħhom filwaqt li toffrilhom edukazzjoni akkademika ta' kwalità għolja li tippermetti lill-istess studenti jkomplu bl edukazzjoni post sekondarja tagħhom. B'dan il-mod l-istudenti jibqgħalhom l-opportunità li jsegwu karrieri differenti jekk huma jkunu jixtiequ jew jekk in-neċessità tkun titlob hekk.

L-għan ta' din l-iskola huwa li l-aktar żgħażagħ promettenti fl-isport, ikollhom iċ-ċans li jiżviluppaw it-talenti sportivi tagħhom sa minn età bikrija, biex finalment jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom meta jirrapreżentaw lil pajjiżna fil-kompetizzjonijiet internazzjonali. Fl-iskola tal-isport l-istudenti se jibqgħu jkollhom il-lezzjonijiet obbligatorji fil-kurrikulu bħat-tfal l-oħra. Iżda mal-Matematika, Ingliż, Malti u suġġetti








akkademici oħrajn, se jkollhom ħin dedikat speċifikament għall-isport. Il-ħinijiet tal-lezzjonijiet se jkunu flessibli biżżejjed biex jakkomodaw it-taħriġ sportiv li se jkun qed isir ukoll waqt il-ħin tal-iskola f'qafas ta' ċentru ta' eċċellenza għall-attività sportiva.

Wara studju tal-faċilitajiet preżenti kien deċiż li l-iSkola Nazzjonali tal-iSport issir f'Ħal-Kirkop. Dan għaliex f'din il-leġislatura, il-Gvern diġà investa madwar €11-il miljun fl-iskola sekondarja tas-subien ta' San Benedittu u fil-Kumpless Sportiv biswit f'Ħal Kirkop. Aktar minn hekk, il-Gvern se jkun qed jinvesti madwar €7 miljuni oħra fi skola sekondarja ġdida tal-bniet fl-istess sit.

### 20/20 Sports Training Scheme - 20 siegħa ta' taħriġ bi ħlas għal impjegati mas-Settur Pubbliku

Din l-iskema hija diretta għall-atleti li jaħdmu fis-settur pubbliku, li permezz tagħha l-atleti nazzjonali li jippromettu jingħataw sa massimu ta' 20 siegħa leave bil-ħlas fil-ġimgħa biex jitħarrġu fid-dixxiplina tagħhom skond il-programm ta' taħriġ professjonali ppreparat mill-kowċis u l-għaqdiet sportivi rreġistrati mal-Kunsill Malti għall-iSport.

### 20/20 Sports Training Scheme - 20 siegħa ta' taħriġ bi ħlas għal atleti impjegati mas-Settur Privat

Mis-sena li għaddiet, kif imħabbar mill-Ministru tal-Finanzi, inħoloq fond biex jgħin finanzjarjament lill-atleti promettenti u ta' klassi li jaħdmu mas-settur privat u li b'arrangament ma' min iħaddimhom, għażlu li jnaqqsu l-ġimgħa tax-xogħol tagħhom biex jitħarrġu fl-isport. B'dan il-mod, qed tiġi rreplikata l-iskema 20/20 anke għall-atleti Nazzjonali promettenti li huma impjegati mas-settur privat.

### AFM Sports Unit - Atleti Nazzjonali mħallsa biex jitħarrġu *full-time*

Għall-Atleti Nazzjonali inħoloq ukoll unit għal suldati-atleti *full time* fl-armata. Dawn is-suldati-atleti se jkollhom iċ-ċans li jitħarrġu sa 40 siegħa fil-ġimgħa. Dan il-unit sportiv mal-Forzi Armati ta' Malta, se jingaġġa atleti nazzjonali, li jistgħu ikunu *full time* fuq taħriġ sportiv. L-Armata se tkun qed tassenja fizzjal biex imexxi dan il-unit filwaqt li l-Kunsill Malti għall-Isport se jkun qed jamministra din l-iskema.

### Sports Competition Leave - Elf ġurnata *leave* bi ħlas fis-sena

Qed jingħata leave bi ħlas lil dawk l-atleti u uffiċjali impjegati mas-settur pubbliku li jkunu sejrin jirrappreżentaw lil pajjiżna f'tournaments u kungressi barra minn Malta. Għall-ewwel darba din is-sena, din l-iskema ġiet estiża għal dawk l-uffiċjali u atleti li jkunu se jikkompetu f'tournament internazzjonali f'Malta wkoll. Huwa kkalkulat li permezz ta' din l-iskema biss, il-Gvern qiegħed jiffinanzja madwar elf gurnata leave bi ħlas fis-sena għal skopijiet ta' sport.

### €440,000 lill-Kumitat Olimpiku Malti

Is-sena li għaddiet, il-Kumitat Olimpiku Malti ħa pakkett ta' €439,391 li €120,000 minnhom ingħataw speċifikament għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar. Din l-assistenza tal-KMS ma tinkludix għotjiet ta' eluf ta' ewro lill-Għaqdiet Sportivi mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, mill-Good Causes Fund, mill-Ministeru tal-Finanzi u mill-Ministeru tal-Edukazzjoni. Din l-assistenza lanqas ma tinkludi l-pagi tal-ħaddiema assenjati mal-għaqdiet sportivi, l-inċentivi fiskali, il-leave bil-ħlas għall-impjegati tal-Gvern li jsiefru biex jieħdu sehem fil-kompetizzjonijiet internazzjonali, kif ukoll il-pagi tal-atleti li qed jibbenefikaw mill-iskema 20/20 Sports Training Leave.

### Youth Develoment Scheme - biex niżviluppaw talent żagħżugħ

It-tfal u ż-żgħażagħ li jippromettu jiġu mgħejjuna finanzjarjament biex ikunu jistgħu jkomplu t-taħriġ tagħhom fuq livell professjonali.

### Scholarships għall-iSportivi: Biex tiżdied il-professjonalità

Biex tkompli tiżdied il-professjonalità fl-isport minn din is-sena wkoll, se jibdew jingħataw scholarships għall-isportivi. Dan kollu qiegħed jagħti ċ-ċans liż-żgħażagħ jirnexxu f'kull karriera u vokazzjoni li huma jagħżlu filwaqt li qiegħed isaħħah id-dixxiplini neċessarji li huma ta' appoġġ għall attività sportiva, bħal amministrazzjoni sportiva, il-mediċina sportiva u oħrajn.

### Taħriġ lill-coaches u instructors mill-Università ta' Malta

Il-KMS ta' kull sena jinvesti elef ta' ewro biex jiffinanzja it-taħriġ ta' coaches u instructors ta' diversi dixxiplini sabiex jgħollu l-livelli tagħhom. Dan it-taħriġ isir mill-iStitut tal-Edukazzjoni Fiżika u l-iSport fl-Università ta' Malta.

### Inizjattivi edukattivi fl-interess tal-isport:

L-impenn biex tikber is-serjetà u l-professjonalità fl-isport tidher ukoll fin-numru ta' inizjattivi edukattivi li ttieħdu u li se jkomplu jittieħdu fix-xhur li ġejjin mill-Kunsill Malti għall-iSport flimkien ma' entitajiet u għaqdiet sportivi differenti. B'kollaborazzjoni mal-Federazzjoni Maltija tal-Isport Awtomobilistiku u l-FIA, ittellgħu wkoll numru ta' korsijiet edukattivi għal dawk involuti fil-Motorsport f'pajjiżna. Mal-Youth Football Association fi ħdan l-MFA, tnieda programm li bis-saħħa tiegħu t-tfal li jattendu n-nurseries, madwar il-gżejjer Maltin, se jkunu imħarrġa b'serjetà sa minn età tenera. Matul din is-sena, il-Kunsill Malti għall-iSport se jkompli jibni fuq dawn l-inizjattivi u se jieħu oħrajn simili.



# Biex noħolqu Ekonomija




## - Noħolqu Attività Sportiva Aktar Sostenibbli
## - Noħolqu l-Ġid u noħolqu x-Xogħol bl-isport
## - Noħolqu niċċa ta' Turiżmu Sportiv

L-għajnuna finanzjarja tal-Gvern ma' tistax tiġi eliminata mill-formola tal-isport iżda jeħtieġ li l-isport Malti ma jibqax jiddependi, kważi totalment, fuq dan it-tip ta' finanzjament. Jeħtieġ li tkun ikkreata ekonomija madwar l-isport, li żżid il-professjonalità, iżżid l-investiment, toħloq l-impjiegi u tkun kapaċi tiffinanzja l-attività sportiva. B'dan il-mod il-komunità sportiva tkun tista' tiggwadanja minn riżorsi li qabel ma' setgħetx tisfrutta.

### Il-Baġit għall-iSport - Kważi Jirdoppja fi tliet snin

Il-vot tal-isport fil-baġit li għadda jirrifletti kemm il-Gvern qiegħed jagħti mportanza lill-isport Malti. Fil-fatt f'din il-leġislatura in-nefqa pratikkament irdoppjat anke meta mqabbla mas-sena 2008. Dan jikkuntrasta bil-kbir ma dak li qed jagħmlu pajjiżi oħra fl-isport, fejn qed inaqqsu l-baġit fl-isport. Fil-fatt il-Gvern Taljan naqqas il-baġit tal-CONI (Comitato Olimpico Nazionale Italiano) b'aktar minn €40 miljun.

Il-vot tal-iSport minkejja li jinkorpora fih żieda qawwija xorta ma jagħtix stampa reali tal-investiment qawwi li qed isir fl-isport għaliex numru ta' proġetti qed jiġu ffinanzjati minn ministeri differenti. L-ammont ivvotat lill-Kunsill Malti għall-iSport fil-baġit ma jinkludix il-finanzjament tal-kirjiet tal-art lill-Għaqdiet Sportivi; in-nefqa fuq l-Sport Promotion Unit (SPU) u l-investiment fil-faċilitajiet

# Sportiva

kunsill malti għall-isport
www.sportmalta.org.mt

sportivi fl-iskejjel, li fil-maġġor parti hi ffinanzjata mill-Ministeru tal-Edukazzjoni. Il-vot tal-KMS l-anqas ma jinkludi l-fondi allokati lill-isport mill-Good Causes Fund u l-inċentivi fiskali tal-Ministeru tal-Finanzi. Ma jinkludix ukoll in-nefqa tal-isports leave, 20/20 Training Scheme, il-ħaddiema assenjati mal-għaqdiet sportivi u mħallsin mill-gvern u nefqa fuq il-unit ġdida tal-isport li qed titwaqqaf fl-armata. In-nefqa ma tinkludix ukoll il-finanzjament ta' numru ta' faċiltajiet sportivi li qed isiru minn entitajiet governattivi oħra bħal Pixxina f'Għawdex, u l-football pitch u l-waterpolo pitch ta' Birżebbuġa kif ukoll it-track tal-Motorsport li se tinbena flimkien ma' Transport Malta. Għalhekk huwa ċar li n-nefqa tal-Gvern fl-isport hija ħafna akbar milli fil-fatt tidher.

### Tnaqqis mit-taxxa lill-kumpaniji privati li jisponsorjaw l-isport

L-isponsorships jibqgħu ukoll importanti għall-Għaqdiet sportivi u għalhekk matul din il-leġislatura l-Gvern ħabbar inċentiv ieħor indirizzat lejn dawk il-kumpaniji li jagħtu sponsorships lill-Għaqdiet Sportivi reġistrati mal-Kunsill Malti għall-Isport, jew għall-attivitajiet sportivi approvati mill-KMS. L-ammonti li jkunu ngħataw bħala sponsorships issa jistgħu jitnaqqsu, mid-dħul taxxabli tal-kumpaniji li qed jagħmlu l-isponsorship. B'hekk qed nipprovaw inħajru aktar kumpaniji jgħinu lill-isport.

### Sħubija bejn il-Gvern, il-privat u l-Għaqdiet Sportivi

Matul din il-leġisltura, il-Gvern ħadem u ħa inizjattivi biex iqarreb l-Għaqdiet Sportivi mas-settur privat u flimkien jinvestu għall-iżvilupp tal-isport. Dan għaliex il-Gvern jemmen li din it-tip ta' politika żżid il-professjonalità, l-investiment, toħloq l-impjiegi u tkun kapaċi tiffinanzja l-attività sportiva. Dan il-kunċett diġà beda jiġi esplorat mill-Gvern bil-kunċetti tal-Marsa Sports Village u l-White Rocks Sports & Leisure Village.

### Turiżmu Sportiv: Biex ngħinu l-ekonomija u niffinanzjaw l-attività sportiva

Għall-istess għanijiet, il-Gvern qed jinċentiva l-ħolqien ta' niċċa ta' Turiżmu Sportiv li tattira lejn pajjiżna kompetizzjonijiet, training camps u seminars sportivi.

Fl-aħħar snin, pajjiżna tbiegħed mid-dipendenza totali fuq is-sun and sea tourist u beda jibni niċeċ ġodda ta' turiżmu: inbniet niċċa tad-diving li ġabet lejn pajjiżna mal-50,000 turist; inbniet n-niċċa ta' tagħlim tal-Ingliż; niċċa tal-Kultura u issa l-Gvern qed jaħdem biex jibni niċċa ta' turiżmu sportiv li sservi l-aktar fix-xhur tax-Xitwa.

Biex insaħħu din in-niċċa, irridu nużaw aħjar l-ambjent naturali inkluż il-baħar, inżidu il-faċilitajiet ta' kwalità u ninċentivaw lill-Għaqdiet Sportivi sabiex jużaw il-kuntatti tagħhom biex jattiraw aktar turisti ta' dan it-tip.

### Il-fond għall-iSkema ta' Turiżmu Sportiv jiżdied b'erba' darbiet : minn €100,000 għal €400,000

L-iskema ta' Turiżmu Sportiv, kif imnedija mill-ġdid fl-2009, inċentivat lil tnejn u għoxrin (22) Għaqda Sportiva jorganizzaw 35 attività bis-sehem ta' sportivi internazzjonali li ġabu lejn Malta madwar tnejn u għoxrin elf (22,000) bednight. L-Għaqdiet Sportivi bejniethom ingħataw €100,000 imma ħallew fl-ekonomija Maltija mal-wieħed punt tnejn miljun ewro (€1.2 miljun). Fis-sena 2010, il-bednights telgħu għal 40,000 u fis-sena 2011 avviċinaw it-80,000. Dan kien ifisser li l-Għaqdiet Sportivi ħadu madwar €300,000 iżda ħallew fl-ekonomija Maltija madwar €4.5 miljun. L-isport b'hekk ikkontribwixxa għall-ekonomija Maltija u għax-xogħol kif ukoll gwadanja finanzi biex ikompli jiżviluppa.

Mill-€100,000 li ġew ivvotati għal din l-iskema fl-2009, il-Gvern issa qed jivvota €400,000 għall-edizzjoni tal-iskema tas-sena 2012, li jinkludu €50,000 li jintefqu specifikament għal Għawdex.

## Biex insaħħu l-Għaqdiet Sportivi

### -€5.5 miljuni f'assistenza lill-Għaqdiet Sportivi

Il-missjoni li tixxettel kultura sportiva ma hijiex sempliċi missjoni governattiva iżda hija aktar missjoni nazzjonali. F'dan ir-rigward il-Gvern iqis lill-Għaqdiet Sportivi bħala s-sieħba naturali tiegħu biex jilħaq l-għanijiet identifikati. Matul is-sena li għaddiet, l-Għaqdiet Sportivi bbenefikaw minn xejn anqas minn 26 skema u madwar €5.5 miljuni. L-iskemi huma amministrati minn entitajiet differenti fosthom il-KMS, il-Ministeru tal-Finanzi u s-settur pubbliku.

### Il-KMS fil-fatt jamministra 16-il skema li huma:

1. School Sport Facilities Scheme; 2. Venue Assistance Scheme; 3. Facility Maintenance Scheme; 4. Facility Improvement Scheme; 5. Youth Development Scheme; 6. Professional Services Scheme; 7. Sports Tourism Scheme; 8. Sports Activities in Gozo; 9. Elite Athletes Training Scheme f'Tal-Qroqq Fitness Centre; 10. Equipment Assistance Scheme; 11. Doping Control Scheme; 12. Olympic Sport Scheme; 13 Non Olympic Sport Scheme; 14 International Participation Foreign Assistance; 15 Local Council Scheme; 16 Sports Scholarships

### Hemm ukoll skemi oħra li huma Fiskali

Dawn huma: 1. Tneħħija ta' taxxa ta' reġistrazzjoni fuq vetturi sportivi; 2. Tnedija ta' pjanċa waħda għas-sidien ta' karozzi klassiċi; 3. Tnaqqis ta' taxxa lil dawk il-kumpaniji li jisponsorjaw Għaqdiet Sportivi reġistrati mal-KMS; 4. Rifużjoni ta' taxxa lill-ġenituri li jibagħtu lit-tfal tagħhom f'nurseries sportivi reġistrati mal-KMS; 5. Rifużjoni ta' 15.25% lill-Għaqdiet Sportivi reġistrati mal-KMS li jagħmlu investimenti kapitali fil-faċilitajiet tagħhom; 6. 20/20 Training Scheme għas-settur privat

### Apparti dawn hemm ukoll Skemi tas-Settur Pubbliku li huma

1. 20/20 Training Scheme għas-settur pubbliku; 2. Sports Competition Leave; 3. Sports Personnel Scheme; 4. AFM Scheme

Dawn l-iskemi jistgħu jibbenefikaw minnhom dawk l-Għaqdiet Sportivi li huma reġistrati mal-Kunsill Malti għall-iSport. Għaldaqstant din l-għajnuna tkun qed tinċentiva lill-Għaqdiet Sportivi li jimxu b'mod demokratiku u trasparenti filwaqt li tħeġġiġhom jadottaw policies ta' fairplay, policies li jipproteġu lit-tfal fl-isport u policies kontra d-doping, il-vjolenza, id-diskriminazzjoni u l-korruzzjoni fl-isport. B'hekk l-inċentiv finanzjarju tal-Gvern permezz tar-reġistrazzjoni mal-KMS iservi wkoll bħala timbru ta' professjonalità u serjetà.



# Sports għal kulħadd: Biex inxettlu Kultura Sportiva

Programmi sportivi aċċessibbli għal kulħadd huma wkoll neċessarji biex tixxettel kultura sportiva fost il-poplu tagħna.

Għal dan il-għan komplejna nsaħħu l-programmi sportivi tal-Kunsill Malti għall-iSport filwaqt li ħloqna programmi ġodda li jattiraw l-interessi ta' gruppi ta' nies differenti. Bl-istess komplejna ninċentivaw l-Għaqdiet Sportivi biex jorganizzaw l-attivitajiet tagħhom u lill-pubbliku biex jaqbad xi forma ta' attività fiżika. Għal dan il-għan il-KMS ħadem fl-iskejjel u fil-komunitajiet bi sħab mal-Kunsilli Lokali.

### Il-Programi Sportivi tal-KMS: L-ogħla parteċipazzjoni fi Skola Sport fl-aħħar għaxar snin.

Fl-2011, il-Programmi Sportivi tal-KMS, eskluż dawk li tmexxi l-iSports Promotion Unit (SPU) fl-iskejjel, issa qed jattiraw madwar 9000 parteċipant fis-sena. Dan b'numru ta' programmi li dejjem qed jiġu aġġornati biex jilħqu firxa akatr wiesa' ta' parteċipanti.

Din is-sena l-programm ta' nhar ta' Sibt SkolaSport, ma baqax biss organizzat fil-Marsa grawnds u ġie mifrux f'aktar ċentri madwar Malta, fejn fost l-oħrajn ġie estiż fil-Kulleġġ Santa Margerita, Bormla, fil-Kulleġġ San Injazju, il-Ħandaq, Kulleġġ San Benediitu, Ħal-Kirkop, kif ukoll fil-Kulleġġ Maria Reġina fil-Mosta. Minn Ottubru sa issa l-ammont ta' parteċipanti tfal u adulti huwa wieħed rekord għal dawn l-aħħar 10 snin fejn in-numru ta' parteċipanti jlaħħaq 2,000 parteċipant.

### Programmi għall-Anzjani

Din is-sena se jkun qed jitnieda programm sportiv ġdid maħsub għall-anzjani. Dan qed isir bi sħubija mas-segretarjat parlamentari għall-anzjani f'din is-sena ddedikata għal anzjani attivi.

### Akkademji Sportivi

Wara li sentejn ilu, l-Kunsill Malti għall-iSport nieda l-ewwel akkademja tiegħu fl-għawm, din is-sena waqqaf l-akkademji tal-atletika u tat-tiġrijiet taż-żwiemel u se jkompli jifrex fuq aktar dixxiplini.

### Inizjattivi sportivi għall-Kunsilli Lokali: Jipparteċipaw 10,000 persuna

Għat-tielet sena konsekuttiva, il-Kunsill Malti għall-Isport (KMS) flimkien mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali nieda l-Iskema ta' Inizjattivi Sportivi għall-Kunsilli Lokali. Din l-iskema hija intiża biex tħeġġeġ il-Kunsilli Lokali jorganizzaw u joffru liċ-ċittadini tal-lokal tagħhom attivitajiet sportivi u ta' attività fiżika. Dan bil-għan li l-isport u l-attività fiżika ikunu aktar aċċessibbli għal kulħadd. Bejn l-2009 u l-2011 madwar 10,000 persuna jipparteċipaw f'339 attività sportiva taħt din l-iskema.

### Sport fl-iSkejjel: Biex uliedna jaqbdu stil ta' ħajja aħjar minn età bikrija

Sabiex tixxettel il-kultura sportiva, qed ninvestu fl-egħruq u dan bil-għan li titwettaq il-missjoni tagħna biex l-isport jiddaħħal fl-istil ta' ħajja tal-poplu Malti. Tliet snin ilu, waqqafna l-iSport Promotion Unit, fi ħdan il-Kunsill Malti għall-iSport, bil-għan li titnissel fit-tfal l-imħabba għall-isport filwaqt li jkunu kumplimentati il-lezzjonijiet tal-attività fiżika.

Matul is-sena skolastika, 2010-2011, l-iSport Promotion Unit organizzat diversi programmi qabel, waqt u wara l-ħin tal-iskola. L-SPU toffri l-Fundamental Basic Skills fil-Ġinnastika, fl-Atletika u fl-Għawm lit-tfal kollha tat-tielet, ir-raba' u l-ħames sena ta' kull skola primarja tal-istat.

Fl-istess waqt torganizza diversi festivals f'diversi dixxiplini u l-programm popolari ta' wara l-ħin tal-iskola. Matul is-sena 2011 l-SPU żiedet l-għalliema, il-coaches u l-apparat u laħqet madwar 27,000 student.

### Skejjel tal-iSport non governattivi

Apparti l-eluf ta' tfal u żgħażagħ li minflok jipparteċipaw fi programmi mtella' mill-Kunsill Malti għall-iSport qed jagħmlu xi tip ta' sport skejjel tal-isport privati u non-governattivi hemm in-nurseries tal-football li bejniethom għandhom madwar 8,000 tifel u tifla, in-nurseries tal-basketball li għandhom għexieren ta' tfal u l-iscouts li minkejja li mhux entità sportiva dawn għandhom fi ħdanhom eluf ta' tfal u żgħażagħ u parti mill-attivitajiet li jkollhom jirrikjedu ammont sostanzjali ta' attività fiżika.

### Inċentivi fiskali biex ninkoraġġixxu l-iSport u l-attività Fiżika

Il-Gvern nieda wkoll diversi skemi biex jinċentiva l isport u l attività fiżika u l-isport fosthom ***l-iskema ta' rifużjoni fuq xiri ta' roti***, liema skema kienet suċċess fl-2009. Permezz ta' din l-iskema tingħata rifużjoni ta' 15.25% li ma taqbiżx €150 f'kull każ fuq xiri ta' roti. ***L-inċentiv fiskali għall-ulied li jattendu f'nurseries sportivi*** toffri l-opportunità li l-ġenituri igawdu minn tnaqqis ta' massimu ta' €100 mid-dħul taxxabbli fuq il-miżati li jħallsu. Eluf ta' persuni jgawdu minn dawn l-iskemi kull sena li jkunu fis-seħħ.




# L-MRFU se tinvesti f'kowċis Britanniċi għall-iżvilupp taż-żgħażagħ

Fit-tentattiv li tkompli tgħin biex jitjib il-livell tal-logħba domestika u bi preparamenti għall-Kampjonat Ewropew tal-2013 Taħt it-18-il Sena, il-Malta Rugby Football Union qed tniedi proġett u programm ġdid billi mpjegat magħha erba' kowċis u development officer mir-Renju Unit.

Tagħrif iddettaljat ingħata waqt konferenza stampa li saret fil-Club House, il-Marsa, mill-president, Martin Galea, u li għaliha attendew is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, l-istess kowċis Britanniċi, il-kowċ nazzjonali Damian Neill u Julian Mamo, direttur tal-kumpanija Gasan Mamo Insurance li hija l-isponsor ewlieni.

Is-Sur Galea esprima s-sodisfazzjon tiegħu billi sostna li l-kowċ nazzjonali, Damian Neill, kien strumentali fil-kuntatti diretti biex jinġiebu dawn il-kowċis biex eventwalment kienet l-Assoċjazzjoni Skoċċiża li aċċettat li toffri l-għajnuna tagħha f'dan il-proġett.

Kien, f'Ottubru li għadda, li dawn l-erba' kowċis waslu f'pajjiżna flimkien mad-*Development Officer*, Jim Hunter, li għadu kemm irtira minn servizz ta' 26 sena min-Navy u li għal dawn l-aħħar għaxar snin mexxa bosta klabbs tar-Rugby. L-erba' kowċis huma l-Ingliżi Mark Davey u Darren Lamon u l-Iskoċċiżi Steven Meenagh u Lewis Naphausen.

Il-president tal-MRFU kompla biex qal li l-obbjettiv ewlieni ta' dan kollu huwa biex tiżdied il-popolarità u l-interess tal-logħba domestika bil-konsegwenza li titressaq aktar lejn iż-żgħażagħ.

Fl-istess waqt wera d-diżappunt tiegħu li teżisti perċezzjoni negattiva dwar din il-logħba minħabba n-nuqqas ta' nkoraġġiment tal-ġenituri. Iżda jekk wieħed isegwi dan il-programm, mit-taħriġ li qed jingħata minn dawn il-kowċis, it-tfal qed jagħmlu diversi attivitajiet ta' divertiment li qed iressquhom aktar lejn il-logħba tar-rugby.

Fid-diskors tiegħu, id-*Development Manager*, Jim Hunter, qal li minn mindu waslu Malta (f'Ottubru li għadda) mill-ewwel bdew bil-ħidma tagħhom fi ħdan iż-żgħażagħ fejn żaru 'l fuq minn 45 skola u ġew ikkowċjati aktar minn 2,000 tifel u tifla fejn aktar minn 700 minnhom huma affiljati ma' xi klabb.

Fl-aħħarnett, is-Sur Hunter aċċenna li flimkien mal-erba' kowċis qed jaħdem biex jibnu t-tim nazzjonali Malti tal-Youths biex is-sena id-dieħla jipparteċipa fil-Kampjonati Ewropej tar-Rugby ta' taħt it-18-il sena.

Id-direttur ta' Gasan Mamo Insurance, is-Sur Julian Mamo, qal li l-kumpanija ilha għaddejja bl-isponsor tagħha mal-MRFU għal dawn l-aħħar sitt snin u filwaqt li esprima s-sodisfazzjon tiegħu ta' din l-għajnuna finanzjarja, faħħar l-inizjattivi tal-Assoċjazzjoni fit-tentattiv biex tkompli tkabbar l-interess fost iż-żgħażagħ.

Min-naħa tiegħu, l-Onorevoli Clyde Puli, fisser l-istrateġija tal-Gvern biex titwessa' l-kultura u l-parteċipazzjoni sportiva. Huwa qal li l-appoġġ governattiv jingħata b'diversi modi iżda jemmen ukoll li mhux dejjem ikun possibbli li l-Gvern ikun waħdu u għalhekk faħħar l-għajnuniet tal-isponsors fejn fakkar fl-iskema ta' benefiċċji fiskali lejn min jisponsorja l-isport.



William Chetcuti jirċievi l-Award tal-Isportiv tas-Sena mingħand iċ-chairman tal-KMS, Bernard Vassallo

# L-Għażliet Sportivi Nazzjonali 2011 - Danica Bonello Spiteri, William Chetcuti u Diane Borg jirbħu l-unuri ewlenin

F'serata mill-isbaħ fl-MFCC f'Ta' Qali, l-atleti William Chetcuti, Diane Borg u Danica Bonello Spiteri kienu l protagonisti tal-edizzjoni ta' din is-sena tal-iSport Malta Award – l-Għażliet Sportivi Nazzjonali 2011. Għal darb'oħra din is-serata ta' lussu li tagħti gieħ lill-isport Malti, kienet organizzata mill-Kunsill Malti għall-iSport u l-Għaqda Ġurnalisti Sport.

Dawn it-tliet atleti rebħu l-akbar tliet unuri tas-serata, bit-triatleta Bonello Spiteri tirbaħ l-unur tal-iSport Malta Award. Dan l-unur jingħata mill-KMS wara votazzjoni nazzjonali u jonora atleta minn fost l-10 finalisti tal-iSportiv u l-iSportiva tas-Sena. Fil-fatt l-award jintrebaħ bil-voti tal-ġurnalisti sportivi li jlaħħqu 40 fil-mija tal-voti, bil-voti tad-delegati tal-assoċjazzjonijiet preżenti fis-serata finali li wkoll ilaħħqu l-40 fil-mija tal-voti u bit-televoting tal-pubbliku li jlaħħaq l-20 fil-mija tal-voti. Il-preżentazzjoni ta' dan l-unur saret mill-mistieden speċjali tas-serata, l-eks difensur internazzjonali Taljan u ta' Juventus, Antonio Cabrini, flimkien mas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u l-Isport, Clyde Puli.

It-tiratur tad-double trap, William Chetcuti rebaħ l-unur tal-iSportiv tas-Sena mogħti mill-Għaqda Ġurnalisti Sport meta għeleb il-kompetizzjoni tal-plejer tal-waterpolo Steve Camilleri li kiseb it-tieni post minn fost il-preferenzi tal-ġurnalisti membri tal-GħĠS. Chetcuti kompla jżid mas-suċċessi li kiseb tul il-karriera tiegħu meta rebaħ dan it-trofew prestiġjuż għat-tmien darba fil-karriera tiegħu. Dan l-unur ifakkar il-mikbi Benny Pace li kien hu li ta bidu għal dan l-unur. Għal Chetcuti, l-2011 kienet sena memorabli tant li rnexxielu jirbaħ ukoll il-midalja tad-deheb waqt kompetizzjoni mit-Tazza tad-Dinja li saret f'Beijing, fiċ-Ċina, u awtomatikament, għall-ewwel darba, il-Federazzjoni Maltija tal-Isparar kisbet id-dritt li tikkwalifika direttament għall-Olimpjadi, fejn se jkun l-istess Chetcuti li jkun qed jirrappreżenta lil Malta fl-Olimpjadi ta' Londra aktar tard din is-sena.



Byorn Vassallo jirċievi Award f'isem l-MFA bħala l-aktar li attirat numru ta' turiżmu sportiv f'pajjiżna

Julian Pace Bonello - Uffiċjal tas-Sena

Diane Borg - Atleta tas-Sena

L-unur għall-Isportiva tas-Sena mar għand l-isprinter Diane Borg, li fl-2011 kellha wirjiet eċċezzjonali, fosthom f'Liechtenstein, fejn rebħet tnejn deheb u waħda fidda. Danica Bonello Spiteri temmet fit-tieni post f'din il-kategorija. L-unur għat-Tim tas-Sena mar għand it-tim nazzjonali tar-Rugby, b'181 punt, wara li kompla jkabbar isem Malta f'din il-logħba matul l-aħħar sena b'riżultati mill-aktar sodisfaċenti kontra avversarji b'ranking mondjali u Ewropej ferm aħjar minn tagħna. Din il-kategorija kienet waħda missielta tant li 13-il punt biss wara, fit-tieni post, spiċċa t-tim nazzjonali tal-irġiel tal-isquash, li rebaħ id-deheb f'Liechtenstein mingħajr telfa.

Julian Pace Bonello, il-President tal-Malta Tenpin Bowling u direttur fi ħdan il-KOM, ingħażel bħala l-Uffiċjal tas-Sena. Hu kellu vantaġġ sostanzjali fuq it-tieni kklassifikat, il-kowċ nazzjonali tar-rugby, Damian Neil. L-isport tal-isparar kiseb suċċess ieħor f'din is-serata meta fil-kategorija taż-Żagħżugħ tas-Sena taħt is-17-il sena, trofew li jfakkar il-memorja ta' John Debattista, it-tiratur promettenti Nathan Lee Xuereb, kiseb l-akbar ammont ta' voti tal-ġurnalisti membri tal-GħĠS. Anke din il-kategorija kienet missielta tant li Nicole Gatt tal-atletika u l-weightlifting spiċċat fit-tieni post b'seba' punti anqas minn Xuereb.

B'kollox tqasmu 20 unur, li ħafna minnhom kienu rikonoxximenti għall-karriera. Wieħed minn dawn ingħata lill-eks kollega ġurnalist, Manuel Gauci. Dan kien rikonoxximent għall-karriera twila fil-ġurnaliżmu sportiv, waqt li Mark Zammit Cutajar, Steven Fenech u Mandy Ghio kienu l-atleti bi bżonnijiet speċjali li ġew ippremjati din is-sena.

L-attività internazzjonali tas-sena għall-2011 intgħażlet dik tal-Kampjonati Ewropej tal-Judo tal-Kadetti. Il-Kunsill Lokali ta' Qormi ingħata r-rikonoxximent għall-impenn biex tixxettel kultura sportiva fil-komunità. Il-Malta Football Association ingħatat rikonoxximent bħala l-għaqda sportiva f'pajjiżna li matul l-2011 attirat l-akbar numru ta' turiżmu sportiv waqt li l-Kulleġġ Santa Margerita ingħata r-rikonoxximent bħala l-Kulleġġ edukattiv li l-aktar li ppromwova attività fiżika u sportiva. Il-KMS ta ukoll rikonoxximent lill-atleti Nathan Farrugia, Keith Bartolo u Marcon Bezzina. Rikonoxximent ieħor ingħata lill-President tal-Youth FA, Fr. Hilary Tagliaferro, waqt li ma setax jonqos li ma jingħatax rikonoxximent lil John Walsh, atleta/amministratur li ta ħafna lill-isport lokali u ħadem direttament fl-atletika. Walsh, ir-raġel tal-atleta Carol Walsh, ħalla din id-dinja matul l-2011. Dan ir-rikonoxximent ingħata ukoll mill-KMS, l-istess kif sar fil-każ tal-Lifecyle u l-kontinġent tal-iSpecial Olympics li kienu mogħtija ħajr għall-ħidma tagħhom fl-isport domestiku.

Is-serata tal-premjazzjoni mhux biss kienet divertenti imma offriet ukoll spettaklu ta' żfin, daqq, kant u talent ta' basketball internazzjonali lill-mijiet li attendew u l-eluf li segwewha fuq it-televiżjoni. Preżenti għal din is-serata kien hemm diversi personalitajiet mill-kamp sportiv, fosthom is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, iċ-Chairman tal-KMS, Bernard Vassallo, u l-President tal-Għaqda Ġurnalisti, Sport Charles Camenzuli.

**Ir-riżultati fil-kategoriji kontestati kienu dawn:**

**Sportiv tas-Sena**
1. William Chetcuti (Sparar) 250
2. Steve Camilleri (Waterpolo) 165
3. Brad Hindle Deguara (Squash) 144
4. Kevin Moore (Atletika) 129
5. Jeremy Seywell (Judo) 107

**Sportiva tas-Sena**
1. Diane Borg (Atletika) 215
2. Danica Bonello Spiteri (Triathlon) 153
3. Sue Abela (Tenpin Bowling) 148
4. Diane Desira (Squash) 147
5. Rebecca Camilleri (Atletika) 132

**Tim tas-Sena**
1. Tim Nazzjonali tar-Rugby 181
2. Squash Nazzjonal (Rġiel) 168
3. Squash Nazzjonal (Nisa) 159
4. Artie Crew (Ibburdjar MSR) 151
5. Atletika 4x100m (Nisa) 139

**L-Uffiċjal tas-Sena**
1. Julian Pace Bonello (Bowling) 231
2. Damian Neil (Rugby) 165
3. Jimmy Bugeja (Sparar) 161
4. Jesmond Caruana (Weightlifting) 133
5. Dione Buhagiar (Archery) 105

**Atleta Żagħżugħ tas-Sena U-17**
1. Nathan Lee Xuereb (Sparar) 188
2. Nicole Gatt (Atletika-Weightlifting) 181
3. Colette Sultana (Squash) 153
4. Nicole Muscat (Għawm) 141
5. Rodmar Pulis (Weightlifting) 116

**Cabrini jfaħħar l-organiżazzjoni tal-iSport Malta Awards – L-Għażliet Sportivi Nazzjonali 2012**

Is-serata ta' din is-sena, li kienet taħbat it-tielet edizzjoni, kienet imfaħħra ħafna mill-plejer leġġendarju ta' Juventus u tal-Italja, Antonio Cabrini.

# Malta's largest commercial showcase

**110,000** visitors over **12** days
**18,000m²** of exhibition space
**300+** exhibitors




## Bookings for participation are now open



For further information please contact
**MALTA FAIRS & CONVENTIONS CENTRE** | FAIRS & EXHIBITIONS TEAM
Millennium Stand level one, The National Stadium,
Ta' Qali ATD 4000, Malta.
**T** | 00356 2141 0371 **F** | 00356 2141 4099
**E** | exhibitions@mfcc.com.mt **W** | www.mfcc.com.mt

MFCC
MALTA FAIRS & CONVENTIONS CENTRE

the mfcc MALTA TRADE FAIR®
27 JUNE
08 JULY
2012






Il-manifestazzjoni ta' Sport li saret fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera għat-tfal tal-iskejjel, fit-18 ta' Jannar

F'kummenti li ta wara din is-serata u f'laqgħa apposta li kellu mal-ġurnalisti lokali, Cabrini esprima s-sodisfazzjon tiegħu li kien il-mistieden speċjali tal-Kunsill Malti għall-iSport għall-iSport Malta Awards – L-Għażliet Sportivi Nazzjonali. Cabrini qal li kien impressjonat bil-merħba li ingħata mill-pubbliku sportiv Malti. Ir-rebbieħ tat-Tazza tad-Dinja, fl-1982, mat-tim nazzjonali Taljan, kien intervistat minn Kenneth Vella, wieħed mid-diretturi tal-KMS u li mexxa konferenza stampa l-għada ta' din is-serata.

Cabrini faħħar l-organizzazzjoni tal-edizzjoni ta' din is-sena hekk kif ġew ippremjati l-isportivi Maltin li ddistingew ruħhom matul is-sena li għaddiet. "Din iż-żjara tiegħi kienet għal ftit sigħat iżda għandi memorji sbieħ ta' Malta hekk kif fis-snin preċedenti ġejt nil¬¬għab kemm ma' Juventus kif ukoll mat-tim nazzjonali Taljan. "Minkejja li Malta hija paj¬jiż żgħir, bla dubju, għandha x'toffri lill-isport in ġenerali u għandha wkoll timxi fuq il-passi ta' pajjiżi oħrajn żgħar li għamlu titjib sostanzjali bi programmi speċjalizzati."

Cabrini wasal f'Malta ftit siegħat biss qabel is-serata u kien mogħti merħba f'pajjiżna mis-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli. L-istess Segretarjat flimkien mal-KMS, ħadu ħsieb li jistiednu lil Cabrini l-istess kif għamlu fis-snin preċidenti meta f'pajjiżna ġew eks atleti u amministraturi li kellhom suċċess internazzjonali fil-karriera tagħhom.

## Attivita' kbira fil-Kumpless tal-Kottonera

Għal darb'oħra l-Gvern, permezz tas-Segretarjat responsabbli mill-iSport u l-KMS, reġgħu ħadmu bis-sħiħ biex l-attività annwali tal-iSport Malta Awards – L-Għażliet Sportivi Nazzjonali tkun festa kbira ta' ċelebrazzjoni bil-parteċipazzjoni tal-komunità sportiva f'pajjiżna. Għaldaqstant l-organizzaturi ta' din is-serata, immexxija b'abbilità mis-Sur Pippo Psaila, ħasbu biex jorganizzaw diversi attivitajiet bħala preludju għal din is-serata. L-akbar attività kienet dik organizzata nhar il-Erbgħa 18 ta' Jannar, ftit jiem biss qabel is-serata fl-MFCC, u li fiha attendew 'il fuq minn 2,800 tifel u tifla minn skejjel differenti li mlew kull spazju li kien hemm fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera. Għal din l-okkażjoni attendew l-atleti finalisti fl-edizzjoni ta' din is-sena hekk kif it-tfal kellhom l-opportunità li jiltaqgħu ma' dawn l-atleti f'atmosfera ta' ċelebrazzjoni u divertiment. L-għan ta' din l-attività kien li jitwassal messaġġ pożittiv lit-tfal sabiex iħarsu lejn l-isport bħala stil ta' ħajja aħjar u aktar b'saħħitha.

# Jingħata bidu għall-Kampjonati tal-Ewwel Diviżjoni tal-Irġiel u tan-Nisa

## Mas-sena l-ġdida beda l-logħob mill-Kampjonat MSV Life tal-Ewwel Diviżjoni Irġiel u tan-Nisa

Il-BOV Knock-Out Irġiel waslet fil-finali. Siggiewi u Tata Motors Loyola ġew eliminati fil-preliminari minn A to Z Electronics Athleta u Depiro Mtarfa rispettivament. Fis-semi finali, il-favoriti t-tnejn ġew megħluba meta Floriana Francesco Fenech rebħu lil Depiro u Bupa Luxol għelbu lil Athleta u dawn tal-aħħar tilfu l-ewwel kompetizzjoni li lagħbu fiha.

Fit-Tieni Diviżjoni issa daħlu fit-tieni rawnd ta' logħob, bis-Siggiewi dejjem jibqgħu fuq quddiem segwiti minn Bell Net SN Suns.

Fil-logħob femminili, il-Kampjonat qed jiżvolġi f'wieħed interessanti.

Bdiet ukoll il-BOV Knock-Out tan-Nisa, meta wasalna wkoll sal-finali. Mill-ewwel rawnd għaddew Luxol, McDonalds Depiro u Alyssa Ashley Loyola, b'rebħiet fuq Starlites Sports Experience, Athleta u Phoenix Qormi Mendoza rispettivament, waqt li Hibs Melita Gardens ħħadu 'bye'. Fis-semi finali, Hibs ħarġu rebbieħa fuq Loyola u Depiro eliminaw lil Luxol.

Fit-Tazza Louis Borg tan-Nisa, huma magħrufa l-finalisti. Mill-ewwel partiti għaddew Luxol, McDonalds Depiro u Hibs Melita Gardens, u magħhom ingħaqdu Athleta, li ħadu 'bye'. Fis-semi finali, Luxol fl-aħħarnett għelbu lil Athleta, wara li kienu tilfu l-ewwel partita. Hibs rebħu bi skor kbir kontra Depiro, u għalkemm tilfu t-tieni logħba kellhom vantaġġ kbir biżżejjed biex jgħaddu għall-finali.

### Kampjonat MSV Life I Div. Irġiel

**Tata Motors Loyola** ............................ 78
**Bupa Luxol** ............................ 82
(14-17, 18-18, 22-26, 24-21)
Referis: G. Barbara, A. Carbonaro, C. Terribile

**A to Z Electronics Athleta** ................ 73
**Floriana Francesco Fenech** ................ 47
(18-11, 26-11, 13-17, 15-8)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro, C. Terribile

**Siggiewi** ............................ 71
**Depiro Mtarfa** ............................ 83
(16-31, 14-15, 19-16, 22-21)
Referis: G. Barbara, S. Gouder, C. Terribile

**Floriana Francesco Fenech** ................ 90
**Tata Motors Loyola** ............................ 69
(21-17, 25-19, 23-19, 21-14)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, C. Terribile

**Bupa Luxol** ............................ 77
**Siggiewi** ............................ 76
(15-21, 18-20, 14-18, 30-17)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani, S. Gouder

**Depiro Mtarfa** ............................ 58
**A to Z Electronics Ahleta** ................ 70
(10-17, 13-20, 11-18, 24-15)
Referis: G. Barbara, A. Carbonaro, C. Terribile

**Floriana Francesco Fenech** ................ 65
**Depiro Mtarfa** ............................ 37
(16-6, 17-11, 19-8, 13-12)
Referis: G. Barbara, S. Gouder, C. Terribile

**A to Z Electronics Athleta** ................ 91
**Bupa Luxol** ............................ 57
(22-11, 14-13, 24-15, 31-18)
Referis: G. Barbara, C. Terribile, L. Camilleri

**Siggiewi** ............................ 68
**Tata Motors Loyola** ............................ 62
(13-9, 18-15, 18-19, 19-19)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, S. Gouder

**Klassifika**

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| A to Z Ele. Ath. | 3 | 3 | 0 | 234 | 158 | 6 |
| Floriana Fran. Fen. | 3 | 2 | 1 | 202 | 179 | 5 |
| Bupa Luxol | 3 | 2 | 1 | 216 | 245 | 5 |
| Depiro Mtarfa | 3 | 1 | 2 | 178 | 206 | 4 |
| Siggiewi | 3 | 1 | 2 | 215 | 222 | 4 |
| Tata Motors Loyola | 3 | 0 | 3 | 209 | 240 | 3 |

### BOV K.O. I Div. Irgiel Semi Finali

**Depiro Mtarfa** ............................ 56
**Floriana Francesca Fenech** ................ 57
(14-13, 12-14, 14-14, 16-16)
Referees: G. Barbara, E. Mangani, C. Terribile

**A to Z Electronics Athleta** ................ 61
**Bupa Luxol** ............................ 65
(15-12, 13-21, 18-11, 15-21)
Referis: G. Barbara, A. Carbonaro, L. Camilleri

### Kampjonat II Diviżjoni Irġiel

**Mellieha Tritones** ............................ 57
**Athleta** ............................ 50
(21-11, 18-9, 14-10, 4-20)
Referis: G. Barbara, E. Mangani

**Siggiewi** ............................ 70
**Bell Net SN Suns** ............................ 58
(11-14, 19-15, 20-13, 20-16)
Referis: A. Carbonaro, C. Terribile

**Bell Net SN Suns** ............................ 61
**Mellieha Tritones** ............................ 52
(10-18, 13-13, 20-13, 18-8)
Referis: E. Mangani, L. Camilleri

**Starlites** ............................ 73
**Miscela D'Oro** ............................ 38
(27-9, 26-9, 10-12, 10-8)
Referis: E. Mangani, S. Gouder

**Starlites** ............................ 81
**Athleta** ............................ 39
(21-13, 22-2, 23-8, 15-16)
Referis: G. Barbara, E.Mangani

**Bell Net SN Suns** ............................ 97
**Floriana YTC Travel** ............................ 51
(23-11, 24-12, 26-18, 24-10)



Depiro v Siggiewi


Athleta v Luxol

Referis: S. Gouder, C. Terribile

**Qormi Phoenix** ........................................ 41
**Mellieha Tritones** ................................ 68
(4-21, 12-14, 10-21, 15-12)
Referis: S. Gouder, L. Camilleri

**Miscela D'Oro Mtarfa** ........................ 31
**Siggiewi** .............................................. 85
(8-13, 6-27, 6-19, 11-26)
REferis: G. Barbara, E. Mangani

**Floriana YTC Travel** ............................ 42
**Qormi Phoenix** .................................... 52
(11-13, 11-17, 7-11, 13-11)
REferis: S. Gouder, C. Terribile

**Athleta** ................................................. 47
**Bell Net SN Suns** ................................. 62
(12-15, 6-21, 17-14, 12-12)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

Klassifika

| | L | R | T | F | K | Pt |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Bell Net SN Suns | 9 | 8 | 1 | 658 | 414 | 17 |
| Siggiewi | 8 | 8 | 0 | 591 | 334 | 16 |
| Starlites | 8 | 6 | 2 | 477 | 409 | 14 |
| Floriana YTC Tra. | 9 | 3 | 6 | 450 | 579 | 12 |
| Mellieha Tritones | 8 | 4 | 4 | 448 | 399 | 12 |
| Qormi Phoenix | 9 | 3 | 6 | 344 | 483 | 12 |
| Athleta | 9 | 2 | 7 | 423 | 586 | 11 |
| Miscela D'Oro Mtf. | 8 | 0 | 8 | 300 | 545 | 8 |

## Kampjonat MSV Life Nisa

**Phoenix Qormi Mendoza** ...................... 13
**Hibs Melita Gardens** ......................... 73
(4-25, 2-20, 4-9, 3-19)
Referis: S. Gouder, R. Darmanin

**McDonalds Depiro** ............................... 56
**Starlites Sports Experience** ................. 34
(19-10, 30-11, 18-3, 4-25)
Referis: E. Mangani, J. Mangani

**Alyssa Ashley Loyola** .......................... 56
**Athleta** ................................................. 45
(16-14, 21-19, 17-10, 12-6)
Referis: C. Terribile, S. Gouder

**Starlites Sports Experience** ................. 44
**Luxol** ................................................... 90
(9-22, 8-16, 12-24, 15-28)
Referis: S. Gouder, J. Mangani

**Athleta** ................................................. 55
**McDonalds Depiro** ............................... 69
(11-19, 10-20, 10-9, 24-21)
Referis: E. Mangani, L. Camilleri

**Hibs Melita Gardens** ........................... 50
**Alyssa Ashley Loyola** .......................... 53
(10-14, 11-6, 16-21, 13-12)
Referis: A. Carbonaro, C. Terribile

**Alyssa Ashley Loyola** .......................... 101
**Phoenix Qormi Mendoza** ...................... 14
(16-4, 29-7, 23-1, 33-2)
Referis: J. Mangani, R. Darmanin

**Luxol** ................................................... 71
**Athleta** ................................................. 49
(19-10, 30-11, 18-3, 4-25)
Referis: C. Terribile, L. Camilleri

**McDonalds Depiro** ............................... 66
**Hibs Melita Gardens** ........................... 63
(16-14, 21-19, 17-10, 12-20)
Referis: G. Barbara, S. Gouder

## BOV K.O. Nisa
## Semi Finali

**Hibs Melita Gardens** ........................... 55
**Alyssa Ashley Loyola** .......................... 25
(10-12, 17-7, 19-0, 9-6)
Referis: G. Barbara, A. Carbonaro

**Luxol** ................................................... 55
**McDonalds Depiro** ............................... 63
(11-15, 17-17, 14-15, 13-16)
Referis: G. Barbara, C. Terribile

## Tazza Louis Borg Nisa
## Semi Finali I

**Athleta** ................................................. 66
**Luxol** ................................................... 61
(16-19, 19-17, 13-13, 18-12)
Referis: A. Carbonaro, S. Gouder

**Hibs Melita Gardens** ........................... 72
**McDonalds Depiro** ............................... 26
(16-19, 12-7, 12-12, 25-0)
Referis; A. Carbonaro, C. Terribile

## Semi Finali II

**Luxol** ................................................... 55
**Athleta** ................................................. 41
(Agg: 116-107)
(18-10,10-9, 22-4, 5-18)
Referis: E. Mangani, L. Camilleri

**McDonalds Depiro** ............................... 64
**Hibs Melita Gardens** ........................... 54
(Agg: 90-126)
(15-10, 10-14, 14-5, 25-25)
Referis: C. Terribile, S. Gouder

It-tim Għawdxi rebbieħ tal-Christmas Tournament



# Is-Selezzjoni tal-GFA

## tirbaħ il-Christmas Cup

**Is-selezzjoni rappreżentattiva tal-GFA, immexxija mill-kowċ Eddie Vella, rebħet it-Tazza tal-Milied fit-Tournament tas-7-a-side organizzat mill-Bord tal-Assoċjazzjonijiet Membri tal-MFA.**

Dan it-tournament li sar b'kollaborazzjoni sħiħa mas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika.

Din l-attività saret fil-grawnd ta' Sannat fejn ħadu sehem it-timijiet tad-*District Football Leagues*, SWAN Amateur Football Association, l-Għar id-Dud Association, il-Malta Amateur Football Association, l-Employees Soccer Association u tal-Gozo Football Association li min-naħa tagħhom ukoll ħadu ħsieb tal-organizzazzjoni.

It-tournament kien fuq bażi fejn kulħadd lagħab kontra xulxin, b'kull partita tkun ta' żewġ taqsimiet ta' kwarta. Sfortunatament l-Industrial Soccer Association u l-Malta Football Coaches Association irtiraw mit-tournament minħabba mpenji oħra, filwaqt li kemm l-Inter Amateur Soccer Association u l-Malta Hotel & Restaurants Sports Association urew ix-xewqa li ma jieħdux sehem.

Kienet is-Selezzjoni Għawdxija li rebħet dan it-tournament, li mistenni li jkun avveniment annwali, meta rebħu l-logħbiet kollha tagħhom. Huma bdew b'rebħa stretta ta' 3-2 kontra Għar id-Dud Association fejn kellhom darbtejn jiġru wara r-riżultat.

Is-suċċess tagħhom wasal b'doppjetta ta' Manwel Cordina u gowl ieħor ta' Ryan Meilak. Fit-tieni partita huma għelbu lil Malta Employees Soccer Association bl-iskor ta' 6-0 bil-gowls jaslu minn doppjetti ta' Ryan Meilak u Claudio Antunes u gowl kull wieħed minn Christian Debono u Milos Stojanovic.

Fit-tielet partita huma kisbu rebħa oħra ta' 6-0, din id-darba kontra SWAN Amateur Football Association bil-gowls kollha jaslu fl-ewwel taqsima minn tripletta ta' Claudio Antunes, doppjetta minn Jason Portelli u l-gowl l-ieħor minn Sabri Rais. L-aħħar logħba mbagħad kienet deċiżiva konta Malta Amateur Football Association li bħas-Selezzjoni tal-GFA kienu rebħu t-tliet partiti tagħhom, madankollu draw kien ikun biżżejjed għas-Selezzjoni tal-GFA minħabba d-differenza ta' gowls ferm aħjar.

Iżda minkejja l-akkaniżmu li fih intlagħbet din il-partita, kienet is-Selezzjoni tal-GFA li, bi tripletta fit-tieni taqsima ta' Claudio Antunes, li ħarġet rebbieħa b'punti massimi. L-istess Claudio Antunes spiċċa wkoll bħala l-aqwa skorer bi tmien gowls u dan minkejja li ma lagħabx l-ewwel partita. Ir-referis Paul Apap, Joe Agius u Eucharist Portelli kkontrollaw dan it-tournament.

Fi tmiem il-finali, l-Onorevoli Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, ippreżenta t-trofew lil Milos Stojanovic, captain tas-Selezzjoni tal-GFA, kif ukoll tifkiriet lil parteċipanti kollha.

Bla dubju, dan it-tournament serva wkoll biex kompliet tissaħħaħ l-għaqda sħiħa li teżisti bejn l-Assoċjazzjonijiet imsieħba kollha fil-Bord tal-Assoċjazzjonijiet Membri tal-MFA, kif ukoll din l-inizjattiva tittieħed bil-għan li tkompli tiġi diversifikata n-niċċa tat-turiżmu sportiv intern f'Għawdex matul dan il-perjodu tas-sena.



minn Joe Bajada



L-Onorevoli Chris Said jippreżenta l-Christmas Cup lill-captain tas-Selezzjoni Għawdxija, Milos Stojanovic



Membri tal-kumitat ta' Kerċem A. u Luxol St. Andrew's wara l-iffirmar tal-Ġemellaġġ

# Ġemellaġġ bejn KERĊEM AJAX U LUXOL SA

Albert Camilleri (Kerċem A.) u Paul Falzon (Luxol SA) wara li ġi ffirmat il-ftehim tal-Ġemellaġġ bejn iż-żewġ klabb

Ir-relazzjoni bejn Kerċem Ajax F.C. u Luxol St. Andrew's ilha għaddejja għal diversi snin iżda, nhar is-Sibt 10, ta' Diċembru 2011, ġiet issiġillata din l-ħbiberija permezz tal-iffirmar ta' ftehim ta' Ġemellaġġ Sportiv.

Iċ-ċerimonja tal-ġemellaġġ saret fil-*Kumpless Sportiv Raymond Mercieca,* f'Kerċem, fejn għaliha attendew il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said, is-Sindku ta' Kerċem, Joe Grima, il-President tal-GFA, Alvin Grech, membri tal-kumitati taż-żewġ klabbs sportivi u mistednin oħra.

Il-qofol ta' din iċ-ċerimonja kienu d-diskorsi li saru mill-mistiednin distinti, kif ukoll l-iffirmar tal-ftehim ta' Ġemellaġġ li sar minn Paul Falzon, Chairman ta' Luxol St Andrew's u Albert Camilleri, Segretarju ta' Kerċem Ajax FC. Matul il-ġranet tas-Sibt u l-Ħadd saru diversi tournaments bejn gruppi ta' tfal li jattendu iż-żewġ nurseries.

Dan il-Ġemellaġġ ser isaħħaħ ir-relazzjoni bejn iż-żewġ klabbs u għaldaqstant iż-żewġ amministrazzjonijiet ser jaħdmu mill-qrib biex eventwalment joħroġ il-frott mixtieq. Qed ikun ippjanat li fix-xhur li ġejjin kowċis miż-żewġ klabbs ser ikunu impenjati f'taħriġ barra minn xtutna.

## RIŻILTATI KOLLHA

**SWAN v MESA** ..........2-1
*Matthew Pace, Julian Camilleri (S); Vaughn Baines (M)*

**GIDA V GFA** ..........2-3
*Thomas Lindberg, John Stivala, Ryan Meilak (GD); Manwel Cordina 2 (GFA)*

**SWAN v GIDA** ..........0-4
*Alex Busuttil 3, Erik Lindberg)*

**MAFA v MESA** ..........1-0
*Larson Pace (MF)*

**SWAN v MAFA** ..........1-2
*Matthew Pace (S); Ryan Previ, Christopher Zammit (M)*

**MESA v GFA** ..........0-6
*Ryan Meilak 2, Claudio Antunes 2, Christian Debono, Milos Stojanovic (G)*

**SWAN v GFA** ..........0-6
*Claudio Antunes 3, Jason Portelli 2, Sabri Rais (G)*

**GIDA v MAFA** ..........0-1
*Trevor Thomas (M)*

**MESA v GIDA** ..........0-3
*Alex Busuttil 2, Thomas Lindberg (G)*

**MAFA v GFA** ..........0-3
*Claudio Antunes 3 (G)*

KIF SPIĊĊAW

| | L | R | D | T | F | K | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GFA | 4 | 4 | 0 | 0 | 18 | 2 | 12 |
| MAFA | 4 | 3 | 0 | 1 | 4 | 4 | 9 |
| GIDA | 4 | 2 | 0 | 2 | 9 | 4 | 6 |
| SWAN | 4 | 1 | 0 | 3 | 3 | 13 | 3 |
| MESA | 4 | 0 | 0 | 0 | 1 | 12 | 0 |



L-Onorevoli Chris Said jippreżenta midalja lill-kowċ tas-Selezzjoni Għawdxija, Eddie Vella




Ibda s-sena l-ġdida bi skont ta' 50% mill-Oral B Professional Care 500 Power Toothbrush! It-tootbrush hi ġentili fuq is-snien u l-ħanek u s-snien jibjadu billi tneħħilhom it-tebgħat tal-kafè u tat-tabakk. It-*timer* itejjeb l-esperjenza tal-ħasil tas-snien rakko mandata ta' żewġ minuti. Il-*pressure sensor* uniku javżak meta tibda torok bis saħħa.

L-Oral B Power toothbrushes jgħinu lill-pazjenti jilħqu l-miri fit-tul tas-saħħa orali. Oral B tipprova toffri l-aqwa kwalità flimkien mal-aqwa prodotti biex tagħti lill-pazjenti esperjenza aħjar tal-ħasil tas-snien, u t-toothbrush tidħol bejn kull sinna biex tnaddafhom sew. B'hekk wieħed jista' jara r-rizultati għall-isforzi li jagħmel.

Għal tagħrif lokali kummerċjali ċemplu lil VJ Salomone (Marketing) fuq 8007 2387.

# Beda l-istaġun 2012

L-istaġun 2011 spiċċa b'laqgħa mill-isbaħ, fit-30 ta' Diċembru, bil-finali tat-Tazza VOB għall-aqwa żwiemel tat-trott mit-Tazza tal-President u l-Prix de Vincennes, fuq 2,640m. Rebaħ Livi Cantona, b'attakk irreżistibbli fl-aħħar nofs dawra, biex ħa d-disa' rebħa staġjonali u rebaħ it-tielet trofew prestiġjuż wara l-Kampjonat tal-Ħarifa Cassar Fuels u t-Tazza tal-President.

Kellna wkoll heats mill-Pavo Feeds Cup għaż-żwiemel tal-Klassi Gold fuq 1,640m, li tnax minnhom ikkwalifikaw għall-finali li nżammet dakinhar ukoll. Hawnhekk Nacarat Campbell irreġistra l-ħames rebħa tal-istaġun u rebaħ kampjonat ieħor apparti l-Kampjonat tas-Sajf (Gold).

Din il-laqgħa kellha wkoll aspetti oħra ta' varjetà, bħal tiġrijiet li fihom is-sidien kienu wkoll is-sewwieqa taż-żwiemel tagħhom u tiġrija tal-ponijiet għal sewwieqa apprentisti.

Aspett innovattiv kienet tiġrija fejn sewwieqa stabbiliti ġew akkumpanjati minn eks-plejers tat-tim nazzjonali Malti fuq ix-xarretti. Din l-inizjattiva għaqqdet il-futbol mat-tiġrijiet taż-żwiemel u ntlaqgħet b'entużjażmu mill-pubbliku u mill-parteċipanti li ma mmaġinawx li tiġrija taż-żwiemel toffri tant eċċitament.

Wara waqfa ta' ġimagħtejn, l-istaġun 2012 beda f'nofs Jannar u diġà rajna diversi tiġrijiet missielta u numru ta' debuttanti ta' kwalità.

It-tiġrijiet ikomplu kull tmiem il-ġimgħa fi Frar meta jibda l-ewwel kampjonat tal-istaġun, it-Tazza Assikura għal żwiemel tat-trott li mhumiex Franċiżi jew Svediżi, fejn iż-żwiemel jinqasmu f'kategoriji differenti skond il-Klassi.

Għalkemm dawn mhumiex numerużi daqs il-Franċiżi u l-Isvediżi, fosthom hemm diversi żwiemel ta' klassi u kemm il-heats kif ukoll il-finali li jinżammu f'nofs Frar għandhom ikunu mill-aktar missielta.

Mistennija naraw aktar żwiemel li wara waqfa qasira qed jitħarrġu biex jidħlu fl-aħjar forma tagħhom għall-appuntamenti mportanti tal-ewwel parti tal-istaġun. Żgur li fil-mira ta' diversi sidien u trainers hemm b'mod partikolari t-Tazza l-Kbira li tibda fil-bidu ta' Marzu.

Kollox jindika li se jkollna staġun ieħor mill-aqwa fit-tiġrijiet taż-żwie



*Darielli, misjuq minn Ramon Grima, jirbaħ it-tiġrija tal-galopp ta' Klassi A (22.01.12)*



*Nomade de Mai, misjuq minn Charles Camilleri, jirbaħ fi Klassi Gold (22.01.12)*



*Il-ftuħ tat-tiġrija tal-galopp ta' Klassi A (22.01.12)*

# RIŻULTATI, SEWWIEQA U ĦINIJIET

## Tiġrijiet tal-Ġimgħa, 30 ta' Diċembru 2011

**RACE 1 - (1640m) Class Gold**
**Pavo Feeds Heat 1**
1 Nacarat Campbell (Rodney Gatt)
2 Enjoy Kronos (Eugenio Bondin)
3 Or Noir Mabon (Francis Cassar)
4 Dream Leader (David Ellul)

**RACE 2 - (1640m) Class Gold**
**Pavo Feeds Heat 2**
1 Vasterbo Hitchiker (Raymond Clifton)
2 Lacoste I.T. (Eric Bezzina)
3 Schejken Bill (Christian Xerri)
4 Jobie Lucky (Carl Caruana)

**RACE 3 - (1640m) Class Gold**
**Pavo Feeds Heat 3**
1 Lime Casted (Charles Camilleri)
2 No Comprendo (Andrew Farrugia)
3 Natif de l'Hommee (Rodney Gatt)
4 Mint Spirit (Frank Portelli)

**RACE 4 - (2140m) Class Copper**
**Copper Owners Race**
1 Miami du Coq
2 Mailbag
3 Juaben
4 Nobel King

**RACE 5 - (2140m) Class Bronze**
**Bronze Owners Race**
1 Nereus Galbe
2 Owens Kin
3 High Speed Night
4 Lady June

**RACE 6 - (2140m) Class Premier**
**Premier Owners Race**
1 Bello Fratello
2 Energy Launcher
3 Niarpan
4 Isolated

**RACE 7 - (2140m) Class Silver**
**Silver Owners Race**
1 Sir de Landerije
2 Sweep The Floor
3 Norfolk de Gouerie
4 Westside Photo

**RACE 8 - (2140m) Class Gold**
**Gold Owners Race**
1 Lutan Villetot
2 Oscar de la Vallee
3 Nobel Pasmarick
4 Nono d'Echal

**RACE 9 - (1640m) Class Gold**
**Pavo Feeds Final**
1 Nacarat Campbell (Rodney Gatt)
2 Lime Casted (Charles Camilleri)
3 Vasterbo Hitchiker (Raymond Clifton)
4 Dream Leader (David Ellul)

**RACE 10 - (2140m) Class Silver**
**Silver Owners Race**
1 Stonecreek
2 Marlow As
3 Flying As
4 My Danover

**RACE 11 - (2640m) Class Premier**
**V.O.B. Grand Final**
1 Livi Cantona (Charles Camilleri)
2 Joker de Choisel (Francis Cassar)
3 Nevaio des Bordes (George Schembri)
4 Arnie Sensation (Carmelo Farrugia)

**RACE 12 - (1750m) Class A**
**Flat Race**
1 Timolin (Ramon Grima)
2 Tarruji (Oliver Briffa)
3 Ollie Fliptrik (Demis Zammit)
4 Marivan (Eric Zammit)

## Tiġrijiet tas-Sibt, 14 ta' Jannar 2012

**RACE 1 - (2140m) Class Bronze**
**Autostart**
1 Mr King (France Tanti)
2 Icare de Jemma (Tony Demanuele)
3 Above Roland (George Attard)
4 Loulou Noir (Carl Caruana)

**RACE 2 - (2140m) Class Bronze**
**Autostart**
1 Robin Lou (Charles Camilleri)
2 Mirall Composite (France Tanti)
3 Monticello (Wayne Farrugia)
4 Klokkeblomst (George Attard)

**RACE 3 - (2140m) Class Bronze**
**Autostart**
1 Nereus Galbe (Melvin Muscat)
2 Orlando Dix (Charles Camilleri)
3 Noble Candeen (Eric Bezzina)
4 Judon du Cap Vert (Noel Baldacchino)

**RACE 4 - (2140m) Class Silver**
**Autostart**
1 Olympio des Loyaux (James Carabott)
2 Flying As (Jonathan Farrugia)
3 Cross Country F.C. (Marco Dobono)
4 Odelvio (Rodney Gatt)

**RACE 5 - (2140m) Class Silver**
**Autostart**
1 Notice As (Carl Caruana)
2 Zilver Boko (Tony Demanuele)
3 Stonecreek (Etienne Mallia)
4 Stainless Steel (Charles Camilleri)

**RACE 6 - (2140m) Class Premier**
**Autostart**
1 Noble d'Ete (Raymond Clifton)
2 Anguz R.C. (Tony Demanuele)
3 Nobel de Grimoult (Andrew Spiteri)
4 Energy Launcher (Redent Magro)

**RACE 7 - (2140m) Class Gold**
**Autostart**
1 Touch The Diamond (David Ellul)
2 Novak (Emmanuel Gafa)
3 Race Ball (Tony Demanuele)
4 Jigsaw (Darren Mizzi)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 15 ta' Jannar 2012

**RACE 1 - (2140m) Class Copper**
**Autostart**
1 Papa's Dream (Tony Tanti)
2 Gamin Launcher (Jeffrey Xerri)
3 Ballad Ribb (Tony Demanuele)
4 Nobel King (Eric Bezzina)

**RACE 2 - (214m) Class Bronze**
**Autostart**
1 Mario d'Orbec (Andrew Pace)
2 King de Bourdenay (Charles Camilleri)
3 Owens Kin (Mario Baldacchino)
4 Hardy Frontline (Ludvic Ghigo)

**RACE 3 - (2140m) Class Silver**
**Autostart**
1 Magnum (France Gauci)
2 Nympheta de Bisoir (Jonathan Farrugia)
3 Giant Game (Darren Mizzi)
4 Niko de Chamant (Victor Fenech)

**RACE 4 - (2140m) Class Gold**
**Autostart**
1 Nagano Phedo (Mario Fenech)
2 Count of Life (Charles Camilleri)
3 Nomade de Mai (Martin Grech)
4 Big Hit (Charlo Debono)

**RACE 5 - (2140m) Class Silver**
**Autostart**
1 Nicos de Peneme (Kevin Azzopardi)
2 Mint Condition (Jason Vassallo)
3 Osiris des Kids (Sandro Cutajar)
4 Lotus du Goth (Andrew Spiteri)

**RACE 6 - (2140m) Class Premier**
**Autostart**
1 Fire (Marco Refalo)
2 Normand d'Oger (Cliferty Calleja)
3 Magic de Assigny (Raymond Clifton)
4 Bello Fratello (Clint Vassallo)

**RACE 7 - (2140m) Class Gold**
**Autostart**
1 Jobie Lucky (Rodney Gatt)
2 Najac (Mark Mifsud)
3 Lime Casted (David Ellul)
4 Baron G.L. (Clint Vassallo)

## Tiġrijiet tal-Ħadd, 22 ta' Jannar 2012

**RACE 1 - (2140m) Class Copper**
**Autostart**
1 New Hope (Rueben Azzopardi)
2 Zut (Joe Schembri)
3 Noli de Marray (Patrick Spiteri)
4 Hulegardens Filur (Mario Falzon)

**RACE 2 - (2140m) Class Silver**
**Autostart**
1 Zilver Boko (Tony Demanuele)
2 Geronimos Cadillac (Noel Baldacchino)
3 Stonecreek (Etienne Mallia)
4 Stainless Steel (Charles Camilleri)

**RACE 3 - (2140m) Class Bronze**
**Autostart**
1 Marchallach (Rodney Gatt)
2 Law Suit (Noel Baldacchino)
3 Perceval du Gault (Silvio Schembri)
4 Noble Candeen (Eric Bezzina)

**RACE 4 - (1250m) Class A**
**Flat Race**
1 Darielli (Ramon Grima)
2 Fyelehk (Michael Sultana)
3 Marivan (Eric Zammit)
4 Capital Hill (Demis Zammit)

**RACE 5 - (2140m) Class Gold**
**Autostart**
1 Nomade de Mai (Charles Camilleri)
2 Vasterbo Hitchiker (Raymond Clifton)
3 Jobie Lucky (Carl Caruana)
4 Dialect Af Prinfo (Redent Magro)

**RACE 6 - (2140m) Class Silver**
**Autostart**
1 Socrates (James Briffa)
2 Nasdaq du Closet (Andrew Farrugia)
3 Odelvio (Rodney Gatt)
4 Niko de Chamant (Victor Fenech)

**RACE 7 - (2140m) Class Premier**
**Autostart**
1 Count of Life (Samuel Bezzina)
2 Anguz R.C. (Tony Demanuele)
3 Energy Launcher (Redent Magro)
4 Troubadour S. (Andrew Spiteri)

**RACE 8 - (2140m) Class Gold**
**Autostart**
1 Le Bolide du Suret (Melvin Farrugia)
2 Hulot (Jason Vassallo)
3 Natif de l'Hommee (Julian Farrugia)
4 Race Ball (Tony Demanuele)




*Magnum, misjuq minn France Gauci, joħroġ fuq quddiem liema vantaġġ jibqa' jżomm sal-aħħar fi Klassi Silver (15.01.12)*


Mateusz Baranowski - Champion 2012

### European U/17 Snooker Open - Malta 2012

# Baranowski jegħleb lil McLaren 5-2 fil-final

## - Brian Cini fir-raba' post

Il-plejer Pollakk, Mateusz Baranowski, irnexxielu jirbaħ il-European U/17 Snooker Open meta fil-final huwa għeleb lil Joseph McLaren ta' Skozja 5-2 biex barra it-trofew, huwa rebaħ ukoll il-premju ta' €400. Il-finalist tellief ħa s-somma ta' €200. Fis-semi-finali, Baranowski għeleb lil Darryl Hill 4-3.

Il-plejer Malti, Brian Cini, tilef is-semi-finali kontra McLaren bl-iskor ristrett ta' 3-4, wara li fil-kwarti-finali huwa għeleb lil Benjamin McCabe ta' Svezja 4-0.

Fil-logħba għat tielet post, Darryl Hill ħareġ rebbieħ fuq Brian Cini bl-iskor ta' 3-1. Għalkemm ftit kienu dawk li stennew li Brian Cini jispiċċa mal-aħħar erbgħa, huwa wera potenzjal kbir u żgur li b'aktar taħriġ jista' jsir l-ewwel plejer Malti li jirbaħ dan il-Kampjonat Ewropew.

L-akbar 'breaks' fit-tournament saru minn Baranowski, li għamel 86 u 83, Brian Cini 84, Kamil Zubryzcki (Polonja) 83 u Chris Peplow li għamel 73.

L-aktar plejers Maltin li mpressjonaw kienu Brian Cini, Chris Peplow, Ryan Pisani u Mathew Zammit, u urew li kapaċi jilagħbu kontra l-aqwa plejers Ewropej tal-età tagħhom.

Fil-fatt din is-sena kellna mhux anqas minn tliet plejers li għaddew mill-Fażi tal-Gruppi għall-Fażi Finali. Dawn kienu Cini, Peplow u Pisani. Peplow u Pisani sfaw eliminat fir-Rawnd tal-Aħħar 16, kontra McCabe u Baranowski 3-4 u 0-4 rispettivament.

F'dan il-Kampjonat, li ġie organizzat minn Pro-Am Snooker, ħadu sehem numru rekord ta' 24 plejers minn 10 pajjiżi differenti u ġie sponsorjat mil-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, San Antonio Hotel & Spa, Apple Snooker Club, Jesmond Sports Club u Hartlepool Academy.


Joseph McLaren u Brian Cini qabel il-logħba ta' bejniethom

## Klassifiki

**GRUPP 1**

| | L | R | T | FF | FA | FD | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Darryl Hill (Isle of Man) | 3 | 3 | 0 | 9 | 1 | 8 | 6 |
| Kamil Zubryzcki (Polonja) | 3 | 2 | 1 | 7 | 3 | 4 | 4 |
| Jeff Jacobs (Belġju) | 3 | 1 | 2 | 3 | 7 | -4 | 2 |
| Leon Caruana (Malta) | 3 | 0 | 3 | 1 | 9 | -8 | 0 |

**GRUPP 2**

| | L | R | T | FF | FA | FD | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Chris Peplow (Malta) | 3 | 3 | 0 | 9 | 9 | 5 | 6 |
| Wan Sin Man (Hong Kong) | 3 | 2 | 1 | 8 | 5 | 3 | 4 |
| Belan Sherif (Svezja) | 3 | 1 | 2 | 7 | 7 | 0 | 2 |
| Kobe Vanoppen (Belġju) | 3 | 0 | 3 | 1 | 9 | -8 | 0 |

**GRUPP 3**

| | L | R | T | FF | FA | FD | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Joseph McLaren (Skozja) | 3 | 3 | 0 | 9 | 1 | 8 | 6 |
| Ryan Pisani (Malta) | 3 | 2 | 1 | 6 | 5 | 1 | 4 |
| Markus Pfistermuller (Aut) | 3 | 1 | 2 | 6 | 6 | 0 | 2 |
| Shawn Deguara (Malta) | 3 | 0 | 3 | 0 | 9 | -9 | 0 |

**GRUPP 4**

| | L | R | T | FF | FA | FD | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mateusz Baranowski (Pol) | 3 | 3 | 0 | 9 | 3 | 6 | 6 |
| Simon Lindblom (Svezja) | 3 | 2 | 1 | 7 | 3 | 4 | 4 |
| Matthew Zammit (Malta) | 3 | 1 | 2 | 4 | 6 | -2 | 2 |
| John Morrell (Ingilterra) | 3 | 0 | 3 | 1 | 9 | -8 | 0 |

**GRUPP 5**

| | L | R | T | FF | FA | FD | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Olli Pekka Virho (Finl.) | 3 | 3 | 0 | 9 | 2 | 7 | 6 |
| Brandon Sargeant (Ing.) | 3 | 2 | 1 | 8 | 3 | 5 | 4 |
| Michael Hullsboch (Belġju) | 3 | 1 | 2 | 3 | 6 | -3 | 2 |
| Benjamin Schembri (Mal) | 3 | 0 | 3 | 0 | 9 | -9 | 0 |

**GRUPP 6**

| | L | R | T | FF | FA | FD | P |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Brian Cini (Malta) | 3 | 3 | 0 | 9 | 2 | 7 | 6 |
| Benjamin McCabe (Svezja) | 3 | 2 | 1 | 6 | 4 | 2 | 4 |
| Leong Man Hoi (H. Kong) | 3 | 1 | 2 | 5 | 6 | -1 | 2 |
| Dan Parkinson (Ingilterra) | 3 | 0 | 3 | 1 | 9 | -8 | 0 |

minn Vincent Pisani



# Ġużi Grech

## jirbaħ is-16-il Kampjonat tiegħu tal-Billiard



Guzi Grech u Pullu Grech qabel il-final flimkien mar-referi Frans Bugeja (fin-nofs)

Ġuzi Grech irnexxielu jirbaħ il-Kampjonat tal-Billiard tal-istaġun 2010-2011, meta fil-final huwa għeleb lil Pullu Grech 973-646 f'ħin ta' tliet sigħat. Grech beda tajjeb meta fil-bidu tal-logħba huwa rnexxielu jibni break sabiħ ta' 256. Il-logħba intlagħbet fil-Mount Carmel Band Club, fil-Gżira, u kienet ikkontrollata mir-referi, Frans Bugeja.

Dan kien is-16-il Kampjonat tal-Billiard li rebaħ Ġużi Grech u d-disa' Kampjonat infila. Ta' min isemmi wkoll li Grech kien rebaħ il-Kampjonat tad-Dinja tal-Billiard, fl-1997, u finalist tellief kemm fil-Kampjonat Mondjali tal-Billiard kif ukoll tal-iSnooker, fl-1987.

Min-naħa tiegħu, Pullu Grech, li minn dejjem kien fost l-aqwa plejers f'pajjiżna kemm fil-logħba tal-Billard kif ukoll fil-logħba ta' l-iSnooker kellu logħba tajba u żamm ir-riżultat rispettabbli.

Din il-final tal-Billiard, kif normalment isir, kellha tintlagħab, f'Mejju li għadda, iżda l-programm tal-istaġun, 2010-2011, waqa' tant lura li kellha tintlagħab seba' xhur wara! In-numru ta' plejers li daħħlu għal dan il-Kampjonat kien ta' sitt plejers biss u dan jirrifletti l-kriżi kbira li tinsab fiha l-logħba tal-Billiard.

Wara din il-final, saret il-preżentazzjoni għal dawk li rebħu l-unuri matul l-istaġun, 2010-2011. Il-president tal-Assoċjazzjoni, is-Sur Joe Caruana Curran, ippreżenta it-trofej lir-rebbieħa.

Snooker: It-Tieni Ranking - Staġun 2011-12

# Duncan Bezzina

## jegħleb lil Alex Borg 6-3 fil-final

Duncan Bezzina irnexxielu jsaħħaħ postu mal-aqwa plejers fil-lista tar-rankings meta fil-final tat-tieni ranking tal-istaġun, 2011-12, huwa għeleb lil Alex Borg 6-3.

Fl-ewwel sessjoni, Alex Borg mar 3-2 minn fuq iżda Bezzina għamel rimonta kbira meta rnexxielu jirbaħ erba' frames infila biex għalaq il-logħba, 6-3, favur tiegħu. F'din il-final, Bezzina għamel break ta' 87 filwaqt li l-akbar break ta' Borg kien dak ta' 70.

Il-logħba ntlagħbet, f'De Rohan Band Club, f'Ħaż-Żebbug u kienet ikkontrollata mir-referi, John Cauchi, li żgur jista' jitqies bħala wieħed mill-aħjar referis li għandna f'pajjiżna. F'dan ir-ranking tournament ipparteċipaw 67 plejer li hija l-medja tal-istaġun li għadda.



Duncan Bezzina u Alex Borg flimkien mar-referi John Cauchi

## Kampjonat 1955-56

# Pullu Demanuele mistieden minn Fulham, Arsenal u Norwich City




*Pullu Demanuele (fin-nofs) jiskorja għal Floriana*

It-Tielet Ġurnata

**29-10-1955:**
**Ħamrun Sp. FC – Birkirkara FC 3-0**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: Effie Borg (Ħ) 7' u 55' u G. Jones (Ħ) pen. 69'.**
**Referee: Salvu Pirotta.**
**Linesmen: Sam Baldwin u Watty Gatt.**

*Ħamrun Sp. FC*: Gejtu 'Il-Buras' Busuttil, Salvu Azzopardi, Leli 'Tirjule' Borg, George Jones, Carmelo 'Nene' Grech, Armando Drago, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Effie Borg, Franġisku Formosa.

*Birkirkara FC:* Lolly Rizzo, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Tony Pandolfino, John Gatt, Leli 'Id-Dijju' Borg, Alfred Crockford, Frans 'Lula' Bonnici, J. Cassar, Schieda, Leli 'Likku' Saliba, Pawlu Carbonaro.

1. L-Ispartans kienu qed jilagħbu mingħajr Freddie Sciberras, Victor Grima u Romeo Psaila li kollha kienu mweġġgħin u mingħajr il-goalkeeper Ġużi Bonnici li kien jinsab sospiż.

2. Leli Borg irritorna fid-difiża ta' Ħamrun minflok Sciberras wara li riċentement kien qed jilgħab kemm half-back u anke inside forward. Borg xejn ma kellu ritorn feliċi meta anke hu weġġa' f'din il-partita u wara li ħareġ jiddewwa diversi drabi hu kellu joħroġ għal kollox fl-aħħar kwarta tal-logħba.

**01-11-1955:**
**Rabat FC – Hibernians FC 1-1**
**H.T 0-0**
**Skurjaw: L. Sultana (H) 53' u P. Vassallo (R) 71'.**
**Referee: Turu Lentini.**
**Linesmen: Carmel Galea u Ron Maskell.**

*Rabat FC:* Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Joe Cilia, Karmenu Xerri, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Tony Caruana, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Charlie Theuma, Leli Sammut.

*Hibernians FC:* Edwin Gili, Colin Tabone, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Maurice Vella Borg, Louis Theobald, Sonny Anastasi, Fredu Church, Henry Vella, Charlie 'Kinnie' Schembri, Leli Sultana, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Din il-partita ntlagħbet it-Tlieta, l-1 ta' Novembru, minflok il-Ħadd, 30 ta' Ottubru, minħabba li kienet ser taħbat fil-festa ta' Kristu Re.

2. Leli Attard ta' Hibernians irritorna wara sospensjoni ta' sena. Huwa kien weħel din is-sospensjoni wara li fil-

partita kontra Sliema Wanderers tal-31 ta' Ottubru, 1954, kien xejjer bis-sieq lir-referee John Azzopardi wara li dan ordna penalty favur Sliema Wanderers. Oriġinarjament is-sospensjoni ta' Attard kienet sa tmiem l-istaġun 1955-56 iżda hu kien ingħata maħfra.

3. Hibernians kienu mingħajr Ġużi Ciantar 'Il-Felli' wara li dan gie sospiż għal tliet partiti minħabba li xejjer bis-sieq lill-player avversarju fl-aħħar ħarġa kontra Sliema filwaqt li Louis Theobald minn half-back niżel jilgħab centre-half biex jimla l-vojt li ħalla Victor Formosa wara li dan tal-aħħar iddeċieda li ma jilgħabx iktar wara d-differenzi li nqalgħu fl-aħħar ħarġa.

4. Rabat FC kienu qed jilagħbu mingħajr John Azzopardi 'Iz-Zikizokk' wara li kien sospiż għal tliet logħbiet wara l-inċidenti fl-aħħar ħarġa kontra Floriana u mingħajr Pawlu Said u Anthony Azzopardi wara li l-inċidenti fl-ewwel ħarġa kontra Sliema Wanderers.

5. Hibernians lagħbu bi flokkijiet sofor minflok l-abjad u l-iswed tas-soltu minħabba li Rabat FC kellhom l-istess kuluri.

**05-11-1955:**
**Valletta FC – Vittoriosa Stars FC 2-0**
**H.T 0-0**
**Skurjaw: N. Mackay (V) pen. 75' u J. Urpani (V) 82'.**
**Referee: Turu Lentini.**
**Linesmen: Carmel Galea u J. Calleja.**

*Valletta FC*: Pawlu Montebello, Joe Agius, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Twanny Mallia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Żeppi Micallef, Josie Urpani, Frankie Zammit, Leli Borg, Leli 'Pesa' Pace.

*Vittoriosa Stars FC*: Godwin Cassar, Agius, Joseph Friġġieri, Buttigieg, Johnnie Darmanin, Francis Xavier Camilleri, Lino Zahra, Ritchie Sultana, Leli Stivala, Twanny Sultana, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. Valletta lagħbu għal ħin twil b'għaxar players meta wara 20 minuta weġġa' il-player Frankie Zammit u għalkemm żamm postu fil-ground huwa ma daħalx fl-azzjoni. Zammit kien qed jiġi ppruvat fil-pożizzjoni ta' centre-forward minflok Ken Everest.

2. Valletta kellhom nieqes lil Joe Grech 'It-Tichy' minħabba li kien jinsab imweġġa'. Fil-fatt huwa tilef il-kumplament tal-istaġun. Minfloku daħal Jackie Grech.

**06-11-1955:**
**Sliema Wdrs. FC – Floriana FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Skurjaw: T. Nicholl (S) 80'.**
**Referee: Samuel Baldwin**
**Linesmen: J. Borg u Ron Maskell**

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Xerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Floriana FC:* Albert 'Bertie' Borg, Lolly Debattista, Charlie 'Nossa' Brincat, George Dalli, Roy Swift, Fred Barry, Żarenu Alamango, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Joe Cini, Pullu 'Il-Koku' Demanuele, Charlie 'Najsu' Bennetti.

1. Din kienet l-ewwel dehra għal Charlie Brincat u Pullu Demanuele ma' Floriana f'dan il-kampjonat. Huma kienu Londra għal prova ma' Fulham, club tat-Tieni Diviżjoni Ingliża. Fulham kienu għamlu talba biex jieħdu liż-żewġ players b'self sa tmiem l-istaġun iżda Floriana ma aċċettawx it-talba tal-club Ingliż. Iż-żewġ players kienu avżaw lill-club Furjaniż li huma kienu lesti jirritornaw Malta jekk Floriana iħallsulhom l-ispejjeż tal-passaġġ. Demanuele wasal lura Malta fit-2 ta' Novembru, 1955, u Brincat wasal ġurnata warajh. Meta kien l-Ingilterra Pullu Demanuele kien ukoll mistieden għal prova anke minn Arsenal u Norwick City.

2. Minkejja r-ritorn ta' Demanuele u Brincat, Floriana FC kellhom diversi players regolari nieqsa meta kienu qed jilagħbu mingħajr il-goalkeeper Ġużi Alamango, Tony Dalli, Lolly Borg u Tony Cauchi li kienu kollha sospiżi u Ġużi Bennetti u l-Grioss Azzopardi li kienu mweġġa'.

3. Minflok Ġużi Alamango bejn il-lasti, Floriana taw id-debutt lill-goalkeeper tal-Under 17, Bertie Borg. Debuttant ieħor kien is-centre-half Roy Swift.

4. Fost il-ġimgħa, il-Kumitat ta' Floriana FC avża li t-team kien ser ikompli jieħu sehem fil-Kampjonat. Fil-fatt kien hemm possibbiltà li jirtiraw mill-kampjonat wara l-inċidenti li kienu seħħew fl-aħħar ħarġa kontra Rabat FC.

5. Folla ta' 15,000 spettatur attendiet għal din il-partita.

*Klassifika*: Ħamrun Sp. FC u Sliema Wdrs. FC 6 pti.; Hibernians FC u Valletta FC 3 pti.; Vittoriosa Stars FC u Rabat FC 2 pti.; Floriana FC u Birkirkara FC 1 pt.

*L-Aqwa Skorers*: T. Nicholl u C. Mattocks (Sliema Wdrs. FC) 3 goals; G. Jones u Effie Borg (Ħamrun Sp. FC); S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC); N. Mackay (Valletta FC) u Ċ. Xuereb (Vittoriosa S.) 2 goals.

### Ir-Raba' Ġurnata

**12-11-1955:**
**Rabat FC – Birkirkara FC 2-0**
**H.T 2-0**
**Skurjaw: o.g T. Pandolfino (R) 2' u P. Said (R) 34'.**
**Referee: Samuel Baldwin**
**Linesmen: Chief Petty Officer C. D. Lusted u J. Xuereb**

*Rabat FC*: Bertu 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Joe Cilia, Karmenu Xerri, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Tony Caruana, Charles 'Il-Kis' Zahra, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Fredu Preca, Tony Pandolfino, Alfred Crockford, Leli 'Id-Dijju' Borg, Leli 'Likku' Saliba, Frans 'Lula' Bonnici, Norman Bell, Bertie Agius, John Gatt, J. Zammit.

1. Fl-40 minuta, Joe Cilia ta' Rabat ixxuttja barra mill-penalty spot.

2. Fil-għodwa qabel din il-partita il-goalkeeper ta' Rabat, Albert Zarb Cousin, iggradwa fil-B. Pharm.

3. Għar-Rabat irritorna Pawlu Said wara sospensjoni ta' żewġ logħbiet.

4. Fredu Preca ta' Birkirkara weġġa' u għal ħin twil fil-partita deher li kien qiegħed izappap.

**13-11-1955:**
**Ħamrun Sp. FC – Hibernians FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Skorja: G. Jones (Ħam) 88'.**
**Referee: George Degiorgio**
**Linesmen: Carmel Galea u Ron Maskell**

*Ħamrun Sp. FC:* Ġużi 'Yumi' Bonnici, Salvu Azzopardi, Frans Damato, George Jones, Carmelo 'Nene' Grech,

Armando Drago, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Effie Borg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Kelinu 'Tal-Bandieri' Camilleri, Franġisku Formosa.

*Hibernians FC*: Edwin Gili, Colin Tabone, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Maurice Vella Borg, Louis Theobald, Sonny Anastasi, Henry Vella, Fredu Church, Charlie 'Kinnie' Schembri, Leli Sultana, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Aktar problemi għall-Ispartans sabiex jimlew il-pożizzjoni ta' right full-back. Wara li kien weġġa' Freddie Sciberras meta kiser idejh issa anke s-sostitut tiegħu Leli Borg 'It-Tirjule' weġġa'. Minfloku daħal Frans Damato.

2. Louis Theobald ta' Hibernians weġġa' fl-ewwel taqsima wara li lewa siequ fuq il-ballun. Wara l-mistrieħ reġa' weġġa' fejn kellu joħroġ jiddewwa u daħal lura xi ħames minuti wara.

**19-11-1955:**
**Sliema Wdrs. FC – Vittoriosa Stars 6-0**
**H.T 1-0**
**Skurjaw: S. Nicholl (S) 44' u 47', J. Xuereb (S) 49', S. Nicholl (S) 75' u 83' u J. Xuereb (S) 88'**
**Referee: Turu Lentini**
**Linesmen: Edward Agius u J. Borg**

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Tony Nicholl, Salvinu Schembri, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Vittoriosa Stars FC:* Ġużi Mugliett, Agius, Joseph Friggieri, Buttigieg, Lino Zahra, Johnnie Darmanin, Ritchie Sultana, Leli Stivala, Maurice Cali'-Warrington, Twanny Sultana, Ċikku 'In-Nagħġa' Xuereb.

1. L-akkwist il-ġdid ta' Vittoriosa, il-goalkeeper Ġużi Mugliett, fil-passat lagħab fl-Ewwel Diviżjoni ma' St. George's. Kienet l-MFA li daħlet biex solviet it-trasferiment ta' Mugliett meta ddeċidiet li seta' jsieħeb lil Vittoriosa Stars b'xejn. St. George's kienu ħarġu r-release tal-player ftit ġranet qabel.

2. Waqt it-tielet goal tal-Wanderers, Vittoriosa kienu b'disa' players fil-ground meta l-players tagħhom Maurice Cal u Johnnie Darmanin kienu qed jiddewwew ħdejn it-touchline.

3. Il-Malta Football Year Book 1956-57 niżżel wieħed mill-goals ta' Sammy Nicholl bħala autogoal tad-difensur tal-Istars Agius. Fil-fatt fl-azzjoni tal-ewwel goal Sammy Nicholl, wara li evita żewġ difensuri tal-Istars, għeleb lil Mugliett b'xutt fil-baxx, bid-difensur jipprova jtajjar il-ballun minn fuq il-linja iżda kompla fix-xibka tiegħu stess.

**20-11-1955:**
**Valletta FC – Floriana FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Skorja: Ż. Micallef (V) 76'.**
**Referee: Ron Maskell.**
**Linesmen: Joe Genovese u George Bonello**

*Valletta FC*: Pawlu Montebello, Joe Agius, Edwin 'Dwinu' Schembri, Jackie Grech, Twanny Mallia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Żeppi Micallef, Josie Urpani, Ken Everest, Silvio Rapinett, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Floriana FC*: Albert 'Bertie' Borg, Lolly Debattista, Joe Cini, Joe Bennetti, Charles 'Nossa' Brincat, John Delia, Ċensu Fenech, Lolly 'Ir-Roy' Vella, Tony 'Majsi' Cauchi, Pullu 'Il-Koku' Demanuele, Charlie 'Najsu' Bennetti.

1. Freddie Borg 'Il-Waniż' ta' Valletta FC hawnhekk kien għad għandu 15-il sena.

2. Iż-żagħżugħ ta' 19-il sena Josie Urpani, li kellu wirja mill-aqwa, huwa prodott ta' Floriana Colts.

3. Wara din it-telfa Floriana kienu jinsabu fil-qiegħ tal-klassifika b'punt wieħed u goal wieħed minn erba' logħbiet.

4. Tony Cauchi ta' Floriana kien qed jirritorna minn sospensjoni ta' tliet logħbiet li kien weħel wara li xejjer bis-sieq lill-player avversarju waqt il-Final tal-Cassar Cup kontra Sliema Wanderers (1-2) tat-28 ta' Settembru 1955.

5. F'inċident kurjuż, Floriana bdew il-partita mingħajr il-goalkeeper tagħhom Bertie Borg meta taw il-kick-off mingħajr ma ndunaw li Borg kien daħal lura fid-dressing room biex iġib il-beritta. Il-goalkeeper deher ħiereġ jiġri mid-dressing room ftit wara u jaqsam min-naħa għall-oħra tal-ground (peress li Floriana kienu qed jiddefendu n-naħa ta' Sliema Side) biex jieħu postu bejn il-lasti waqt li l-logħob kien għaddej.

*Klassifika*: Ħamrun Sp. FC u Sliema Wdrs. FC. 8 pti.; Valletta FC 5 pti.; Rabat FC 4 pti.; Hibernians FC 3 pti.; Vittoriosa Stars FC 2 pti.; Floriana FC u Birkirkara FC 1 pt.

*L-Aqwa Skorers:* S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 6 goals; C. Mattocks u T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) u G. Jones (Ħamrun Sp. FC) 3 goals.



*Azzjoni mill-partita Sliema Wanderers v Floriana*



# Cryotherapy in sport

by Dr. Kirill Micallef Stafrace
Sports and Exercise Medicine Consultant and Senior Lecturer in Sports Science





Cryotherapy refers to the application of ice for therapeutic purposes and is commonly used in various ways in sport. In fact cold application is a vital part of the first aid mnemonic PRICE or RICE (Protection, Rest, Ice, Compression and Elevation). However cold therapy can also be used for chronic injuries and pain and even in the post operative period. Some studies also indicate that the appropriate application of cold can aid athletic performance, but that is not the topic we will be discussing.

So why should the application of cold aid in the management of an injury or inflammation? . This is rather a contentious issue in that the exact mechanisms of how it works are not completely known. What we are sure of is that it has a short term analgesic ( pain killing) effect, helps reduce blood flow, and hence swelling, to the injured area, reduces muscle spasm and to a certain extent slows down tissue metabolism.

Various methods of ice application exist and vary from the simple ice pack to the more sophisticated ice baths and ice compression systems. Whatever the method, certain principles apply. Application should not be beyond 15-20 minutes at one go and there should be a period of at least 60 minutes between consecutive ice sessions. Ideally the ice is not applied directly to the skin and a protective barrier such as petroleum jelly can help in avoiding any ice burns. If compression is being applied contemporarily care must be taken not to affect circulation or cause pressure points. Anybody with poor blood circulation, cold sensitivity and certain medical conditions should obviously avoid cryotherapy.

So which works best? Convenience and budget decide which cryotherapy method is used. If you are treating yourself at home the proverbial bag of frozen peas is a good starting point but if repeated applications are warranted then invest in a commercial ice pack be it the refreezing gel variety or an ice bag. If you need something for your first aid kit then the easiest would be the chemical reaction ice bags although if a large amount of ice application is to be used, such as in the half time of a game of football, then an ice machine or ice cooler with pre-filled ice bags is definitely the cheaper option. Cryotherapy within a clinic is often done using units that provide compression at the same time and some centres even provide cryobaths. Ice massage is another therapeutic method that combines two therapies with excellent results and recently cryotherapy machines that also deliver shockwave or ultrasound therapy have been developed.

At the end of it all ice is easily available, cheap and easy to apply. Its use in sports and medicine has been documented for centuries. However the basic science has not changed and with the appropriate application can lead to excellent results in injury management.

Dr Kirill Micallef Stafrace is a Sports Medicine Consultant and a Senior Lecturer in Sport Science.
kmicallefstafrace@gmail.com




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' AC Milan

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Frar, 2012.

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' AC Milan ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 57

Ir-Rebbieħ tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 57 huwa:

John Bosco Cordina - Sliema



# SPORTIV Tisliba

IRBAĦ €150 VOUCHER MA'




Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Frar, 2012

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem ____________

Indirizz ____________

Email ____________

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 57

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| H | A | N | D | B | A | L | L | | U | | W | E | I |
| O | | I | | | S | | Y | A | N | G | | D | |
| W | A | K | A | | C | | S | | S | | A | S | A |
| L | | I | R | W | I | N | | P | E | P | L | O | W |
| A | | | T | | A | | L | | R | E | I | N | A |
| N | O | A | H | | K | R | O | L | | P | | | Y |
| D | | D | U | N | | | R | U | P | P | | M | |
| | D | E | R | E | K | | I | | A | I | M | A | R |
| T | | L | | Y | | | S | A | P | | U | N | A |
| A | | E | D | M | A | R | | | E | C | G | | N |
| R | | | | A | | O | M | A | R | | E | | G |
| P | O | N | G | R | A | C | Z | | | B | L | U | E |
| E | | | I | | | H | | I | | | L | | R |
| Y | A | N | A | | K | A | O | S | | R | O | S | S |

Ir-rebbieħ tal-Ħarġa Nru. 57 ta' Jannar 2012 huwa: Josef Bezzina - Kirkop

**MIMDUDIN**

1) Marco "Sic", il-mibki riċenti motoċiklist Taljan (10)
7) "Il-Kwart ta' ...." issir f'Ħal Far (3)
8) It-tim Litwan li lagħab kontra Valletta fil-UCL 2011/12 (7)
9) Sir Jonathan, eks-Triple Jumper Ingliż (7)
11) Graeme, plejer professjonali Skoċċiż fli Snooker (4)
14) ".. Odense", tim fis-Superliga tad-Danimarka (2)
15) Ibrahim "Ibou" .., eks plejer Senegaliż ta' AC Milan (2)
16) "Dressing-...." (4)
17) Mustafa Kemal "Muzzy" ....., futboler Tork irtirat (5)
19) Ebbe, futboler Daniż tar-'ramel' (4)
20) British Olympic Association (1,1,1)
21) u 34) Cristiano, involout fl-imħatri illegali fil-Futbol Taljan (4)
22) Waħda mill-'qlub' ta' tim tal-Premier Skoċċiż (5)
24) "King James", baskitboler professjonali Amerikan (6)
28) Selvagi, atleta Maltija fli sport tal-Equestrian (4)
30) Massimo, eks right-back ta' Napoli, Lazio u Milan (4)
31) Gino, qaddief ta' Senglea Regatta Club (7)
33) International Catholic Schoolsport Federation (1,1,1,1,1)
34) Ara 21 Mimdudin
35) Emmanuel, right-back ta' Galatasaray (5)

**WEQFIN**

1) Gary, il-mibki futboler u kowċ minn Wales (5)
2) Marianne, il-"Golden Girl" Maltija tal-Boxing (7)
3) Calleja, fit-tim Malti tal-Futbol kontra l-Awstrija fl-1957 (4)
4) Il-"Perla s-Sewda" Portugiża - 745 partita, 733 gowl (7)
5) Joachim, kowċ tal-Ġermanja tal-Futbol mill-2006 (4)
6) Barcelona vs Real Madrid - "El ......." (7)
7) Safin, tennist Russu irtirat (5)
10) Steve, eks president ta' Sliema Wanderers (5)
12) ".....d'Urzy", żiemel Franċiż ta' 9 snin (5)
13) Raykov, eks kowċ ta' Floriana FC (5)
18) Daniel "The Jet" ....., in-Numru 1 fil-Kickboxing f'Malta (5)
20) Robert, plejer ta' Kavallieri Rugby Club (7)
21) Direttur Tekiniku (1,1)
23) Apap, irreżenja m'ilux minn President ta' Qormi FC (6)
24) Cantona, iż-żiemel rebbieħ tal-President's Cup 2011 (4)
25) Tim tal-Formula One li kkompeta fl-2009 biss (5)
26) Magri tal-Malta Table-Tennis Academy (4)
27) Kevin, atleta Malti tas-Sena 2011 tal-MAAA (5)
29) Header, jew daqqa ta' ... (3)
32) Field, Roller jew ... Hockey (3)


TeamSporT
MY PROUD SPONSOR
Dun Karm Psaila Street, Iklin
t: +356 2142 1383
TeamSporT®
NIKE
adidas
Reebok
lotto
DIADORA
macron
Italian Team Uniforms
Sixtus
uhlsport
asics
UMBRO
TeamSporT®
UP TO 50%
OFF SALE


Gillette
Fusion
PROGLIDE
NEW
GILLETTE'S
MOST ADVANCED RAZOR*
Smooth shave
Less tug and pull***
Thinner blades**
* In manual and power respectively ** Lead blades vs. Fusion. ***Vs Fusion
Trade Enquiries VJ Salomone (Marketing) Tel: 8007 2387.